

KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, ...
C

Abbozz

TAR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...

ta' [...]

**li jistabilixxi rekwiżiti u proċeduri amministrattivi
relatati mal-ajrudromi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008
tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

Abbozz

TAR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...

ta' [...]

**li jistabbilixxi rekwiżiti u proċeduri amministrattivi
relatati mal-ajrudromi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008
tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE⁽¹⁾, emendati bir-Regolament (KE) Nru 1108/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8a(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 għandu l-għan li jistabbilixxi u jżomm livell uniformi għoli ta' sigurtà fl-avjazzjoni ċivili madwar l-Ewropa. Dak ir-Regolament jipprovdi l-mezzi għall-kisba ta' dak l-għan u ta' għanijiet oħra fil-qasam tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili.
- (2) L-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 teħtieġ l-istabbiliment ta' Regoli ta' Implimentazzjoni aktar iddettaljati, b'mod partikolari fir-rigward tar-regolamentazzjoni fejn tidħol is-sigurtà tal-ajrudromi, sabiex jinżamm livell uniformi għoli fis-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili fl-Ewropa filwaqt li jintlaħaq l-oġettiv ta' titjib ġenerali fis-sigurtà tal-ajrudromi.
- (3) L-ajrudromi u t-tagħmir tal-ajrudromi kif ukoll l-operat tal-ajrudromi għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness Va u, jekk ikun applikabbli, l-Anness Vb. Skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008, għandu jkun meħtieġ ċertifikat fir-rigward ta' kull ajrudrom; il-konformità mal-bażi ta' ċertifikazzjoni u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tfisser li r-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness Va u, jekk ikun applikabbli, fl-Anness Vb ikunu tħarsu; iċ-ċertifikat u ċ-ċertifikazzjoni tal-bidliet f'dak iċ-ċertifikati għandhom jinħarġu meta l-applikant ikun wera li l-ajrudrom jikkonforma mal-bażi ta' ċertifikazzjoni tal-ajrudromi; l-organizzazzjonijiet responsabbli mill-operat tal-ajrudromi għandhom juru l-kapaċità u l-mezzi tagħhom fit-tweġiq ta' dawn ir-responsabbiltajiet assoċjati mal-privileġġi tagħhom.
- (4) Dawn il-kapaċitajiet u mezzi għandhom jiġu rikonoxxuti permezz tal-ħruġ ta' ċertifikat uniku jew separat jekk l-Istat Membru fejn ikun jinsab l-ajrudrom jiddeċiedi hekk. Il-privileġġi mogħtija lill-organizzazzjoni ċertifikata u l-kamp ta' applikazzjoni taċ-ċertifikat,

⁽¹⁾ ĠU L 79, 13.3.2008, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 309, 24.11.2009, p. 51.

inkluż lista ta' ajrudromi li għandhom jitħaddmu, għandhom jiġu speċifikati fiċ-ċertifikat.

- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tadotta r-Regoli ta' Implimentazzjoni meħtieġa għall-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għad-disinn u t-tħaddim sigur tal-ajrudromi msemmija fl-Artikolu 8a(5) qabel il-31 ta' Diċembru 2013. Dan ir-Regolament jipprevedi dawn ir-Regoli ta' Implimentazzjoni.
- (6) Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni mingħajr xkiel u livell għoli ta' sigurtà fl-avjazzjoni ċivili madwar l-Unjoni Ewropea, ir-Regoli ta' Implimentazzjoni għandhom jirriflettu l-aktar teknika reċenti u l-aqwa prattiki fil-qasam tal-ajrudromi; iqisu l-Istandards u l-Prattiki Rakkomandati appikabbli mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem l-"ICAO"); u l-esperjenza fit-tħaddim tal-ajrudromi madwar id-dinja, u l-progress xjentifiku u tekniku fil-qasam tal-ajrudromi; ikunu proporzjonali għad-daqs, it-traffiku, il-kategorija u l-kumplessità tal-ajrudromi u n-natura u l-volum tal-operazzjonijiet tagħhom; jipprovdu l-flessibilità meħtieġa għal konformità personalizzata; u jaħsbu għal dawk il-każijiet ta' infrastruttura tal-ajrudromi li jkunu ġew żviluppati, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, skont ir-rekwiżiti differenti li huma inklużi fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri.
- (7) Huwa meħtieġ li jingħata biżżejjed żmien għall-industrija tal-ajrudromi u l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri sabiex jadattaw għall-qafas regolatorju l-ġdid u biex jivverifikaw il-validità kontinwa taċ-ċertifikati maħruġa qabel ma jibda japplika dan ir-Regolament.
- (8) L-Istati Membri għandhom jiżguraw, sa fejn ikun prattiku, li l-ajrudromi kkontrollati u operati mill-militar u miftuħa għall-użu mill-pubbliku joffru livell ta' sigurtà li huwa tal-anqas ekwivalenti għal-livell meħtieġ mir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness Va u Vb għar-Regolament (KE) Nru 216/2008. Għaldaqstant, l-Istati Membri jistgħu wkoll jiddeċiedu li japplikaw dan ir-Regolament għall-ajrudromi msemmija.
- (9) L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeżentaw minn dawn id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, ajrudrom li minnu jgħaddu mhux aktar minn 10 000 passiġġier kull sena u li jgħaddu minnu mhux aktar minn 850 moviment relatati ma' operazzjonijiet ta' merkanzija kull sena. Madankollu, huwa mistenni li l-ajrudrom imsemmi u l-operat tiegħu jikkonformaw mal-obiettivi tas-sigurtà ġenerali tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u kwalunkwe regola oħra mil-liġi tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li japplikaw dan ir-Regolament għall-ajrudromi msemmija.
- (10) Ir-rekwiżiti għall-ħeliports (Anness 14, Volum II, Ħeliports), kemm f'termini ta' ħeliports awtonomi li jsegwu Regoli ta' Titjir bi Strument (IFR) kif ukoll il-ħeliports li jsegwu r-Regoli ta' Titjir Viżwali (VFR) li jkunu jinsabu f'ajrudromi ċertifikati sejrini jifasslu fi stadju aktar tard. Sakemm dawn ir-Regoli ta' Implimentazzjoni jidħlu fis-seħħ, għandhom jiġu applikati r-regolamenti nazzjonali rispettivi, sal-punt li dawn ma jkunux f'kunflitt mar-regoli applikabbli tal-liġi tal-Unjoni Ewropea.
- (11) Ir-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni tat-tagħmir tal-ajrudromi, kif ukoll is-sorveljanza tad-disinjaturi u l-produtturi ta' tagħmir tal-ajrudromi essenzjali għas-sigurtà, għandhom isegwu fi stadju aktar tard b'mod konġunt max-xogħol li għandu jsir għal sistemi u kostitwenti tal-ATM speċifiċi.
- (12) Ir-rekwiżiti għas-servizzi ta' ġestjoni tar-rampa għandhom isegwu fi stadju aktar tard, dawn għandhom jiġu żviluppati b'mod konġunt mal-ATM u l-esperti tal-ajrudromi, u

għaldaqstant ċerti artikoli ta' dan ir-Regolament għandhom jidħlu fis-seħħ meta dawn ir-rekwiżiti għas-servizzi ta' ġestjoni tar-rampa jkunu ġew adottati.

- (13) Bil-għan li tiġi żgurata l-uniformità fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti komuni, huwa essenzjali li l-awtoritajiet kompetenti u, fejn ikun applikabbli, l-Aġenzija japplikaw standards komuni meta jivvalutaw l-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti; l-Aġenzija għandha tiżviluppa Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità u Materjal ta' Gwida biex tiffaċilita l-uniformità regolatorja meħtieġa.
- (14) Fir-rigward tal-ġestjoni tal-ostakli fil-madwar tal-ajrudrom kif ukoll attivitajiet oħra barra l-konfini tal-ajrudrom, ġie rikonoxxut li fi Stati Membri differenti jista' jkun hemm awtoritajiet differenti u entitajiet oħra responsabbli mill-monitoraġġ, il-valutazzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji. L-għan ta' dan ir-Regolament mhuwiex li jibdel l-allokazzjoni attwali tal-kompiti fl-Istat Membru. Fl-istess ħin, għandha tiġi żgurata organizzazzjoni bla xkiel tal-kompetenzi fir-rigward tas-salvagwardja tal-madwar tal-ajrudrom u l-monitoraġġ u l-mitigazzjoni tar-riskju kkawżat mill-attivitajiet tal-bniedem ġewwa kull Stat Membru. Għandu jiġi żgurat, li l-awtoritajiet li ngħataw responsabbiltà tal-ħarsien tal-madwar tal-ajrudromi jkollhom l-kompetenza xierqa biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom.
- (15) Is-Subparti B tal-Anness III (Parti ADR.OPS) ta' dan ir-Regolament jeħtieġ għadd ta' servizzi biex jiġu pprovduti f'ajrudrom. Jista' jkun li dawn is-servizzi ma jiġux pprovduti direttament mill-operatur tal-ajrudrom, iżda minn organizzazzjoni jew entità ta' Stat jew kombinazzjoni tat-tnejn. F'każijiet bħal dawn l-operatur tal-ajrudrom, li huwa responsabbli għall-operat tal-ajrudrom, għandu jkollu arranġamenti u interfaces ma' dawn l-organizzazzjonijiet jew entitajiet stabbiliti biex jiżgura l-għoti tas-servizzi skont ir-rekwiżiti legali ddikjarati fl-anness. Meta jiġu stabbiliti arranġamenti u interfaces bħal dawn, l-operatur tal-ajrudrom għandu jitqies bħallikieku neħħa r-responsabbiltà tagħhom u m'għandux jinftiehem li għandu jkun direttament responsabbli jew responsabbli għal kwalunkwe nuqqas ta' konformitajiet minn entità oħra involuta fl-arranġament.
- (16) Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 jikkonċerna biss ċertifikati tal-ajrudrom li jinħarġu mill-awtorità kompetenti safejn huma kkonċernati l-aspetti tas-sigurtà. Għaldaqstant, aspetti li mhumiex relatati mas-sigurtà ta' ċertifikati nazzjonali eżistenti ta' ajrudrom jibqgħu mhux mittiefsa.
- (17) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-Opinjoni maħruġa mill-EASA (minn hawn 'il quddiem l-Aġenzija) skont l-Artikoli 17(2)(b) u 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (18) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni uniformi tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 fil-qasam tal-ajrudromi.
2. L-Awtoritajiet Kompetenti involuti fiċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza tal-ajrudromi, l-operaturi tal-ajrudromi u l-fornituri ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I għal dan ir-Regolament.
3. L-operaturi tal-ajrudromi u l-fornituri ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II għal dan ir-Regolament.
4. L-operaturi tal-ajrudromi għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.
5. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli ddettaljati dwar:
 - (a) il-kundizzjonijiet għall-istabbiliment u n-notifika lill-applikant, dwar il-bażi ta' ċertifikazzjoni applikabbli għal ajrudrom;
 - (b) il-kundizzjonijiet għall-ħruġ, iż-żamma, l-emenda, il-limitazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka ta' ċertifikati għall-ajrudromi, iċ-ċertifikati għall-organizzazzjonijiet responsabbli għall-operat tal-ajrudromi, inkluż il-limitazzjonijiet fl-operat relatati mad-disinn speċifiku tal-ajrudrom;
 - (c) il-kundizzjonijiet għall-operat ta' ajrudrom f'konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness Va u, jekk ikun applikabbli, l-Anness Vb tar-Regolament (KE) Nru 216/2008;
 - (d) ir-responsabbiltajiet tad-detenturi taċ-ċertifikati;
 - (e) il-kundizzjonijiet għall-aċċettazzjoni u l-konverżjoni taċ-ċertifikati eżistenti maħruġa mill-Istati Membri;
 - (f) (f) il-kundizzjonijiet għad-deċiżjoni biex ma jingħatawx l-eżenzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(3b) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, inkluż il-kriterji għall-ajrudromi tal-merkanzija, in-notifika tal-ajrudromi eżentati u għar-reviżjoni tal-eżenzjonijiet mogħtija;
 - (g) il-kundizzjonijiet skont liema l-operazzjonijiet jistgħu jiġu pprojbiti, limitati jew ikunu soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet fl-interess tas-sigurtà;;
 - (h) ċerti kundizzjonijiet u proċeduri għad-dikjarazzjoni mill-fornituri ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa u s-sorveljanza tagħhom imsemmija fil-paragrafu 2(e) tal-Artikolu 8a tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din ir-Regolament, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) 'Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità (AMC)' tfisser standards mhux vinkolanti adottati mill-Aġenzija biex jindikaw il-mezzi biex tintlaħaq konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu;
- (b) 'distanza għall-aċċelerazzjoni/waqfien disponibbli (ASDA)' tfisser it-tul tal-ġirja għat-tluġ disponibbli flimkien mat-tul tal-medda ta' waqfien, jekk tkun ipprovduta;
- (c) 'ajrudrom' tfisser żona ddefinita (inkluż kwalunkwe bini, installazzjoni u tagħmir) fuq l-art jew l-ilma jew fuq struttura fissa galleġġjanti jew fuq il-baħar maħsuba biex tintuża b'mod sħiħ jew parzjali għall-wasla, it-tluq u l-moviment fuq wiċċ l-inġenju tal-ajru.
- (d) 'servizz ta' kontroll tal-ajrudrom' tfisser servizz ta' kontroll tat-traffiku (ATC) għat-traffiku fl-ajrudrom;
- (e) 'tagħmir tal-ajrudrom' tfisser kwalunkwe tagħmir, apparat, dritt, softwer jew aċċessorju, li jintuża jew huwa maħsub biex jintuża ħalli jikkontribwixxi għat-tħaddim ta' inġenju tal-ajru f'ajrudrom;
- (f) 'dejta ajrunawtika' tfisser rappreżentazzjoni tal-fatti, il-kunċetti jew l-istruzzjonijiet ajrunawtiċi b'mod ifformalizzat li huwa xieraq għall-komunikazzjoni, l-interpretazzjoni u l-ipproċessar;
- (g) 'dawl ajrunawtiku fuq l-art' tfisser kwalunkwe dawl ipprovdut b'mod speċjali bħala għajjuna fin-navigazzjoni tal-ajru, ħlief dawl muri fuq inġenju tal-ajru;
- (h) 'ajruplan' tfisser inġenju tal-ajru itqal mill-arja mħaddem b'magna, li jidderiva l-passaġġ tiegħu waqt it-titjira prinċipalment mir-reazzjonijiet ajrunawtiċi fuq l-uċuħ li jibqgħu fissi f'ċerti kundizzjonijiet ta' titjir;
- (i) 'servizz ajrunawtiku ta' informazzjoni' tfisser servizz stabbilit ġewwa żona ddefinita ta' kopertura responsabbli mill-ġotti ta' informazzjoni ajrunawtika u d-dejta meħtieġa għas-sigurtà, ir-regolarità, u l-effiċjenza tan-navigazzjoni tal-ajru;
- (j) 'servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru' tfisser servizzi tat-traffiku tal-ajru; servizzi ta' komunikazzjoni, navigazzjoni u sorveljanza; servizzi meteoroloġiċi għan-navigazzjoni tal-ajru; u s-servizzi ajrunawtiċi ta' informazzjoni;
- (k) 'servizzi ta' traffiku tal-ajru' tfisser id-diversi servizzi ta' informazzjoni dwar it-titjira, servizzi ta' twissija, servizzi ta' konsulenza għat-traffiku tal-ajru u servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru (servizzi ta' kontroll taż-żona, l-avviċinament u l-ajrudrom);
- (l) 'servizz ta' kontroll (ATC) tat-traffiku' tfisser servizz mogħti għall-fini:
 - 1. li jevita l-kolliżjonijiet:
 - bejn l-inġenji tal-ajru, u
 - fiż-żona ta' mmanuvrar bejn l-inġenju tal-ajru u l-ostakli; u
 - 2. li jitħaffef u jinżamm fluss tajjeb fit-traffiku tal-ajru;

- (m) 'inġenju tal-ajru' tfisser magna li tista' ssostni ruħha fl-atmosfera mir-reazzjonijiet tal-ajru, ħlief ir-reazzjonijiet tal-ajru kontra wiċċ id-dinja;
- (n) 'pożizzjoni għall-inġenju tal-ajru' tfisser żona magħżula fuq rampa li hi maħsuba biex tintuża għall-parkeġġ ta' inġenju tal-ajru;
- (o) 'taxilane għall-istands tal-inġenji tal-ajru' tfisser parti minn rampa indikata bħala taxiway u maħsuba sabiex tipprovd i aċċess għall-istands tal-inġenji tal-ajru biss;
- (p) 'mezzi alternattivi ta' konformità' tfisser mezzi li jipproponu alternattiva għal Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità eżistenti, jew dawk li jipproponu mezzi ġodda sabiex tkun stabbilita l-konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u mar-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu, li għaliha ma jkun ġie adottat l-ebda Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità assoċjat mill-Aġenzija;
- (q) 'servizz ta' twissija ta' allarm' tfisser servizz ipprovdut biex javża lill-organizzazzjonijiet rilevanti dwar inġenji tal-ajru fi bżonn ta' għajjnuna ta' tiftix u salvataġġ, u biex jgħin lil dawn l-organizzazzjonijiet, kif ikun meħtieġ;
- (r) 'servizz ta' kontroll tal-avviċinament' tfisser servizz ta' ATC għal titjiriet ikkontrollati li se jrin jaslu jew jtilqu;
- (s) 'rampa' tfisser erja ddefinita, maħsuba biex takkomoda inġenji tal-ajru għall-iskop tat-tagħbija jew tal-ħatt ta' passiġġieri, tal-posta jew tal-merkanzija, tar-riforniment bil-fjuwil, tal-parkeġġ jew tal-manutenzjoni;
- (t) 'servizz ta' ġestjoni tar-rampa' tfisser servizz mogħti biex jiġu ġestiti l-attivitajiet u l-moviment tal-inġenji tal-ajru u l-vetturi fuq rampa;
- (u) 'taxiway tar-rampa' tfisser parti minn sistema ta' taxiways li tkun qiegħda fuq rampa u li tkun maħsuba sabiex tipprovd i rotta kontinwa għas-sewqan min-naħa għall-oħra tar-rampa;
- (v) 'servizz ta' kontroll tal-erja' tfisser servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għal titjiriet ikkontrollati fi blokk ta' spazju tal-ajru;
- (w) 'verifika' tfisser proċess sistematiku, indipendenti u ddokumentat għall-kisba ta' evidenza u biex tiġi evalwata b'mod oġġettiv sabiex jiġi stabbilit il-limitu sa fejn tintlaħaq konformità mar-rekwiżiti;
- (x) 'Speċifikazzjonijiet ta' Ċertifikkazzjoni' huma standards tekniċi adottati mill-Aġenzija li jindikaw il-mezzi biex tintwera konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu u li jistgħu jintużaw minn organizzazzjonijiet għall-finijiet ta' ċertifikkazzjoni;
- (y) 'mogħdija tal-ikklerjar' tfisser żona rettangolari ddefinita fuq l-art jew fl-ilma li taqa' taħt il-kontroll tal-entità x-xierqa, li tiġi magħżula jew ippreparata bħala żona xierqa li fuqha ajruplan ikun jista' jagħmel parti mit-tluġħ inizzjali tiegħu sa għoli speċifikat;
- (z) 'Awtorità Kompetenti' tfisser awtorità magħżula skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament;
- (aa) 'servizzi ta' komunikazzjoni' tfisser servizzi ajrunawtiċi fissi jew mobbli li jagħmlu possibbli l-komunikazzjoni mill-art għall-art, mill-ajru għall-art u mill-ajru għall-ajru għall-finijiet tal-ATC;
- (bb) 'sorveljanza kontinwa' tfisser il-kompiti li għandhom isiru sabiex jiġi vverifikat li l-kundizzjonijiet li taħthom inħareġ ċertifikat jibqgħu jiġu sodisfatti fi kwalunkwe ħin tul il-perjodu ta' validità tiegħu, kif ukoll it-teħid ta' kwalunkwe miżura ta' salvagwardja;
- (cc) 'oġġetti perikolużi' tfisser artikli jew sustanzi li jistgħu joħlqu riskju għas-saħħa, is-sigurtà, il-proprjetà jew l-ambjent u li huma inklużi fil-lista ta' oġġetti perikolużi fl-

- Istruzzjonijiet Tekniċi jew li jkunu kklassifikati skont dawn l-istess Struzzjonijiet Tekniċi;
- (dd) 'kwalità tad-dejta' tfisser grad jew livell ta' fiduċja li d-dejta pprovduta tissodisfa r-rekwiżiti tal-utent tad-dejta f'dak li jirrigwarda l-eżattezza, ir-riżoluzzjoni u l-integrità;
 - (ee) 'distanzi ddikjarati' tfisser:
 - 'għirja għat-tlugħ disponibbli (TORA)',
 - 'distanza għat-tlugħ disponibbli (TODA)',
 - 'distanza għall-waqfien u l-aċċellerazzjoni disponibbli (ASDA)',
 - 'distanza għall-inżul disponibbli (LDA)';
 - (ff) 'servizz ta' informazzjoni dwar it-titjira' tfisser servizz ipprovdut sabiex jingħataw pariri u informazzjoni utli għat-tmexxija sigura u effiċjenti tat-titjiriet;
 - (gg) 'prinċipji tal-fatturi tal-bniedem' tfisser prinċipji li japplikaw għad-disinn ajrunawtiku, iċ-ċertifikazzjoni, it-taħriġ, l-operazzjonijiet u l-manutenzjoni u li jfittxu interfaċċja sigura bejn il-bniedem u komponenti tas-sistema oħra billi tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-prestazzjoni tal-bniedem;
 - (hh) 'prestazzjoni tal-bniedem' tfisser il-kapaċitajiet u l-limitazzjonijiet tal-bniedem li għandhom impatt fuq is-sigurtà u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet ajrunawtiċi;
 - (ii) 'spezzjoni' tfisser evalwazzjoni tal-konformità ddokumentata b'mod indipendenti permezz ta' osservazzjoni u ġudizzju akkumpanjat kif xieraq minn kejl, ittestjar jew ikkalkular, sabiex tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli;
 - (ij) 'runway għall-istrument' tfisser wieħed mit-tipi ta' runways li ġejjin li huma maħsuba għall-operat ta' inġenju tal-ajru permezz ta' proċeduri ta' avviċinament bi strument:
 1. 'runway għall-avviċinament mingħajr preċiżjoni': runway bl-istrumenti li għandha għajnuniet viżwali u għajnuna mhux viżwali li tal-anqas tipprovdwi gwida direzzjonali xierqa għall-avviċinament f'linja dritta;
 2. 'runway b'avviċinament bi preċiżjoni, kategorija I': runway bl-istrumenti li għandha għajnuniet mhux viżwali u għajnuniet viżwali, maħsuba għal operazzjonijiet b'għoli ta' deċiżjoni ta' mhux anqas minn 60 m (200 pied) u b'viżibbiltà ta' mhux anqas minn 800 m jew medda viżwali tar-runway (RVR) ta' mhux anqas minn 550 m.
 3. 'runway b'avviċinament bi preċiżjoni, kategorija II': Runway bl-istrumenti li għandha għajnuniet mhux viżwali u għajnuniet viżwali maħsuba għal operazzjonijiet b'għoli ta' deċiżjoni (DH) anqas minn 60 m (200 pied) iżda mhux anqas minn 30 m (100 pied) u medda viżwali tar-runway (RVR) ta' mhux anqas minn 300 m.
 4. 'runway b'avviċinament bi preċiżjoni, kategorija III': runway bl-istrumenti li għandha għajnuniet mhux viżwali u għajnuniet viżwali għal wiċċ ir-runway jew it-tul tagħha u:
 - A. maħsuba għal operazzjonijiet b'għoli ta' deċiżjoni (DH) aktar baxx minn 30 m (100 pied), jew l-ebda għoli ta' deċiżjoni u medda viżwali tar-runway (RVR) mhux anqas minn 175 m;
 - B. maħsuba għal operazzjonijiet b'għoli ta' deċiżjoni (DH) aktar baxx minn 15 m (50 pied), jew l-ebda għoli ta' deċiżjoni u medda viżwali tar-runway (RVR) anqas minn 175 m iżda mhux anqas minn 50 m;

- C. maħsuba għal operazzjonijiet bl-ebda għoli ta' deċiżjoni (DH) u bl-ebda limitazzjoni tal-medda viżwali (RVR) tar-runway;
- (kk) 'id-distanza disponibbli għall-inżul (LDA)' tfisser it-tul tar-runway li hu ddikjarat bħala disponibbli u li jkun xieraq għall-ġirja ta' fuq l-art minn ajruplan li jkun qiegħed jinżel;
- (ll) 'proċeduri f'viżibbiltà baxxa' tfisser il-proċeduri applikati f'ajrudrom biex ikunu żgurati operazzjonijiet siguri matul avviċinamenti tal-Kategorija I li huma aktar baxxi minn dawk Standard, matul avviċinamenti tal-Kategorija II li mhumiex standard, matul avviċinamenti tal-Kategorija II u III u matul it-tluġħ f'viżibbiltà baxxa;
- (mm) 'tluġħ f'viżibbiltà baxxa (LVTO)' tfisser tluġħ b' medda viżwali tar-runway (RVR) ta' anqas minn 400 m, iżda ta' mhux anqas minn 75 m;
- (nn) 'operazzjoni tal-Kategorija I li hija aktar baxxa minn dik Standard' tfisser operazzjoni ta' avviċinament u nżul bl-istrumenti tal-Kategorija I, bl-użu ta' għoli ta' deċiżjoni tal-Kategorija I u b' medda viżwali tar-runway (RVR) li hija anqas minn dik li normalment hija assoċjata mal-għoli ta' deċiżjoni applikabbli (DH) iżda li mhix anqas minn 400 m;
- (oo) 'erja ta' mmanuvrar' tfisser dik il-parti minn ajrudrom li għandha tintuża għat-tluġħ, għall-inżul u għas-sewqan tal-inġenji tal-ajru, esklużi r-rampi;
- (pp) 'servizzi meteoroloġiċi' tfisser dawk il-faċilitajiet u servizzi li jipprovdu lill-inġenji tal-ajru bi tbassir meteoroloġiku, istruzzjonijiet u osservazzjonijiet kif ukoll kull informazzjoni u dejta meteoroloġika oħra pprovduta minn Stati għal użu ajrunawtiku;
- (qq) "markatur" tfisser oġġett muri f'livell 'il fuq minn dak tal-art sabiex jiġi indikat ostaklu jew jiġi mmarkat konfini;
- (rr) 'immarkar' tfisser simbolu jew grupp ta' simboli murija fuq il-wiċċ taż-żona ta' moviment sabiex tingħata informazzjoni ajrunawtika;
- (ss) 'moviment' tfisser tluġħ jew inżul;
- (tt) 'erja ta' moviment' tfisser dik il-parti minn ajrudrom li għandha tintuża għat-tluġħ, għall-inżul u għas-sewqan ta' inġenju tal-ajru, li tikkonsisti fiż-żona ta' mmanuvrar u fir-rampa/rampi;
- (uu) 'servizzi ta' navigazzjoni' tfisser dawk il-faċilitajiet u servizzi li jipprovdu lill-inġenji tal-ajru b'informazzjoni dwar pożizzjoni u ħin propizju;
- (vv) 'runway mhux strumentali' tfisser runway maħsuba għall-operat ta' inġenji tal-ajru permezz ta' proċeduri ta' avviċinament viżwali;
- (ww) 'ostakolu' tfisser l-oġġetti kollha mwaħħla (kemm jekk b'mod temporanju kif ukoll b'mod permanenti) u dawk mobbli, jew partijiet minnhom, li jkunu:
- qegħdin f'erja maħsuba għall-moviment fuq is-superfiċje ta' inġenju tal-ajru; jew
 - jestendu 'l fuq minn wiċċ iddefinit maħsub sabiex jipproteġi l-inġenji tal-ajru li jkunu qegħdin itiru; jew
 - jinsabu barra minn dawk is-superfiċji ddefiniti u li ġew ivvalutati bħala li huma ta' periklu għan-navigazzjoni bl-ajru;
- (xx) 'operazzjoni tal-Kategorija II li mhijiex Standard (OTS CAT II)' tfisser operazzjoni ta' avviċinament u nżul bi strument ta' preċiżjoni, bl-użu ta' ILS jew MLS, li fiha xi elementi jew l-elementi kollha tas-sistema tad-dawl li tintuża f'avviċinamenti ta' preċiżjoni tal-Kategorija II ma jkunux disponibbli, u:

- b'għoli ta' deċiżjoni (DH) taħt il-200 pied, iżda ta' mhux anqas minn 100 pied; u
 - medda viżwali tar-runway (RVR) ta' mhux anqas minn 350 m;
- (yy) 'ċiklu ta' ppjanar tas-sorveljanza' tfisser perjodu ta' żmien fejn tiġu vverifikata konformità kontinwa; .
- (zz) 'runway pavimentata' tfisser runway b'wiċċ iebes li tkun magħmula minn materjali tal-inġinerija u mmanifatturati mwaħħlin flimkien b'tali mod li tkun durabbli u jew flessibbli jew riġida.
- (aaa) 'taxiway għal ħruġ rapidu' tfisser taxiway konnessa ma' runway b'angolu akut u ddisinjata sabiex tħalli li l-ajruplani li jkunu neżlin iduru b'veloċitajiet akbar minn dawk li jintlaħqu f'taxiways għall-ħruġ oħrajn ħalli b'hekk jiġu minimizzati l-ħinijiet fejn ir-runway tkun okkupata;
- (bbb) 'runway' tfisser erja rettangolari ddefinita f'ajrudrom fuq l-art li tkun ippreparata għall-inżul u għat-tluġħ tal-inġenji tal-ajru;
- (ccc) 'medda viżwali tar-runway (RVR)' tfisser il-medda li fuqha bdot ta' inġenju tal-ajru li jkun jinsab fuq il-linja ċentrali ta' runway ikun jista' jara l-immarrar tal-wiċċ jew id-dwal ta' delimitazzjoni tar-runway jew ta' identifikazzjoni tal-linja ċentrali tagħha;
- (ddd) 'sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà' tfisser avviċinament sistematiku għall-ġestjoni tas-sigurtà inkluż l-istruttura organizzattiva, ir-responsabbiltajiet, il-politiki u l-proċeduri meħtieġa;
- (eee) 'sinjal' tfisser:
- 'sinjal ta' messaġġ fiss' tfisser sinjal li jippreżenta messaġġ wieħed biss;
 - 'sinjal ta' messaġġ varjabbli' tfisser sinjal li għandu l-kapaċità li jippreżenta diversi messaġġi stabbiliti minn qabel jew l-ebda messaġġ, kif ikun applikabbli;
- (fff) "medda ta' waqfien" tfisser żona rettangolari ddefinita fuq l-art fi tmiem ta' ġirja għat-tluġħ disponibbli mħejjija bħala żona xierqa fejn inġenju tal-ajru jista' jitwaqqaf f'każ ta' tluġħ li ma jtkompliex;
- (ggg) 'distanza disponibbli għat-tluġħ (TODA)' tfisser it-tul tal-ġirja għat-tluġħ disponibbli flimkien mat-tul tal-medda ta' kklerjar, jekk tkun ipprovduta;
- (hhh) 'ġirja għat-tluġħ disponibbli (TORA)' tfisser it-tul ta' runway iddikjarata disponibbli u xierqa għall-ġirja fuq l-art ta' ajruplan li jkun sejjer jagħmel tluġħ;
- (iii) 'taxiway' tfisser passaġġ iddefinit fuq ajrudrom fuq l-art stabbilit għas-sewqan tal-inġenji tal-ajru u maħsub sabiex jipprovi kollegament bejn parti tal-ajrudrom u parti oħra, li jinkludi:
- taxilane għall-istands tal-inġenji tal-ajru,
 - taxiway tar-rampa,
 - taxiway għal ħruġ rapidu;
- (jjj) 'Struzzjonijiet Tekniċi' tfisser l-aħħar edizzjoni effettiva tal-'Istruzzjonijiet Tekniċi għat-Trasport Sigur ta' Oġġetti Perikolużi bl-Ajru' (Doc 9284-AN/905), inkluż is-Suppliment u kwalunkwe Addenda, approvata u ppubblikata mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili.

(kkk) 'termini taċ-ċertifikat' tfisser dan li ġej:

- indikatur tal-post tal-ICAO,
- kundizzjonjiet għall-operar (VRF/IFR, matul il-jum/bil-lejl),
- runway – distanzi ddikjarati,
- tipi ta' avviċinamenti pprovduti,
- kodiċi ta' referenza tal-ajrudrom,
- kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjonijiet tal-inġenju tal-ajru b'ittra kodiċi ta' referenza tal-ajrudrom ogħla,
- għoti ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa (iva/le),
- salvataġġ u livell ta' protezzjoni għat-tifi tan-nar;

(lll) 'għajjniet viżwali' tfisser indikaturi u tagħmir ta' sinjalazzjoni, marki, dwal, sinjali u markaturi jew kombinazzjonijiet tagħhom.

Artikolu 3

Kapaċitajiet ta' sorveljanza

1. L-Istati Membri għandhom jagħżlu entità waħda jew aktar bħala l-Awtorità/Awtoritajiet Kompetenti fi ħdan dak l-Istat Membru bil-poteri u r-responsabbiltajiet meħtieġa għaċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza tal-ajrudromi, kif ukoll il-persunal u l-organizzazzjonijiet involuti fihom, fil-limiti tal-kamp ta' applikazzjoni u l-applikabbiltà tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
2. L-Awtorità Kompetenti għandha tkun indipendenti mill-operaturi tal-ajrudromi u l-fornituri ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa. Din l-indipendenza għandha tintlaħaq permezz ta' separazzjoni xierqa, tal-anqas f'livell funzjonali, bejn l-Awtorità Kompetenti u dawn l-organizzazzjonijiet. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Awtoritajiet Kompetenti jeżerċitaw il-poteri tagħhom b'mod imparzjali u trasparenti
3. Jekk Sstat Membru jaħtar aktar minn entità waħda bħala Awtorità Kompetenti:
 - (a) l-oqsma ta' kompetenza ta' kull Awtorità Kompetenti għandhom jiġu ddefiniti b'mod ċar fit-termini tar-responsabbiltajiet u l-limiti ġeografiku; u
 - (b) għandha tiġi stabbilita koordinazzjoni bejn dawk l-entitajiet biex tiġi żgurata s-sorveljanza effettiva tal-ajrudromi u l-operaturi tal-ajrudromi kollha, kif ukoll il-fornituri ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa, soġġett għar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu bil-mandati rispettivi tagħhom..
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Awtorità/Awtoritajiet kompetenti jkollha/jkollhom il-kapaċitajiet u r-riżorsi meħtieġa biex tissodisfa/jissodisfaw ir-rekwiżiti tagħha/tagħhom skont dan ir-Regolament.
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal tal-Awtoritajiet Kompetenti ma jwettaqx attivitajiet ta' sorveljanza meta jkun hemm evidenza li dan jista' jirriżulta b'mod dirett jew indirett f'kunflitt ta' interess, b'mod partikolari meta jkun involut interess finanzjarju jew ta' familja.
6. Il-persunal awtorizzat mill-Awtorità Kompetenti biex iwettaq kompiti ta' ċertifikazzjoni u/jew sorveljanza għandu jingħata s-setgħa li jwettaq tal-anqas dawn il-kompiti li ġejjin:
 - (a) jeżamina r-rekords, id-dejta, il-proċeduri u kwalunkwe materjal rilevanti ieħor għat-twettiq tal-kompitu ta' ċertifikazzjoni u/jew sorveljanza;
 - (b) jieħu kopji ta' dawn ir-rekords, dejta, proċeduri u materjal ieħor jew partijiet minnhom;
 - (c) jitlob spjegazzjoni bil-fomm fuq il-post;
 - (d) jidħol f'ajrudromi, bini rilevanti, siti tal-operat u żoni oħra u mezzi ta' trasport;
 - (e) iwettaq verifiki, investigazzjonijiet, testijiet, eżerċizzji, valutazzjonijiet, spezzjonijiet; u
 - (f) jieħu jew jibda miżuri ta' infurzar kif ikun xieraq.
7. Il-kompiti skont paragrafu 6 għandhom jitwettqu f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali tal-Istat Membru rilevanti.

Artikolu 4

Informazzjoni lill-Aġenzija

Fi żmien tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Aġenzija dwar l-ismijiet, il-postijiet, kodiċijiet tal-ICAO tal-ajruport tal-ajrudromi u l-ismijiet tal-operaturi tal-ajrudromi, kif ukoll in-numru ta' movimenti ta' passiġġieri u merkanzija tal-ajrudromi li japplikaw għalihom id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Eżenzjonijiet skont l-Artikolu 4(3b) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008

1. L-Istat Membru fi żmien xahar wara d-deċiżjoni li tingħata eżenzjoni skont l-Artikolu 4(3b) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, għandu jinforma lill-Aġenzija dwar l-ajrudromi eżentati. L-informazzjoni lill-Aġenzija għandha tinkludi wkoll l-isem tal-operatur tal-ajrudrom u ċ-ċifri tat-traffiku għan-numru ta' movimenti ta' passiġġieri u merkanzija tal-ajrudrom tas-sena rilevanti.
2. L-Istat Membru fuq bażi annwali għandu jirrevedi ċ-ċifri tat-traffiku ta' ajrudrom eżentat, u jekk jinqabżu l-figuri tat-traffiku rilevanti fl-ajrudrom għal dawn l-aħħar tliet snin konsekuttivi, għandu jinforma lill-Aġenzija u jirrevoka l-eżenzjoni.
3. Il-Kummissjoni tista' fi kwalunkwe ħin tiddeċiedi li ma tawtorizzax eżenzjoni jekk:
 - (a) ma jkunux ġew sodisfatti l-oġettivi ġenerali tas-sigurtà tar-Regolament (KE) 216/2008; jew
 - (b) din l-eżenzjoni ma tikkonformax ma' xi regola oħra tal-liġi tal-Unjoni Ewropea; jew
 - (c) Iċ-ċifri rilevanti tat-traffiku ta' passiġġieri u merkanzija jkunu nqabżu matul l-aħħar tliet snin konsekuttivi.

F'każ bħal dan, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirrevoka l-eżenzjoni.

Artikolu 6

Konverżjoni ta' ċertifikati

1. Iċ-ċertifikati maħruġa mill-Awtorità Kompetenti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, għandhom jibqgħu validi sakemm jinħarġu ċertifikati rilevanti f'konformità ma' dan l-Artikolu, jew għal perjodu massimu ta' 48 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
2. Qabel it-tmiem tal-perjodu speċifikat f'paragrafu 1, l-Awtorità Kompetenti għandha toħroġ ċertifikati skont dan ir-Regolament għal dawn l-ajrudromi u operaturi ta' ajrudromi, jekk:
 - (a) il-bażi ta' ċertifikazzjoni tkun ġiet stabbilita permezz ta' speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni maħruġa mill-Aġenzija, inkluż kwalunkwe każ b'livell ekwivalenti ta' sigurtà u kundizzjonijiet speċjali li jkunu ġew identifikati u ddokumentati; u

- (b) id-detentur taċ-ċertifikat ikun wera konformità mal-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni li huma differenti mir-rekwiżiti nazzjonali li skont dawn ikun inħareġ iċ-ċertifikat eżistenti; u
 - (c) id-detentur taċ-ċertifikat ikun wera konformità ma' dawk ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu li huma applikabbli għall-organizzazzjoni tiegħu u li huma differenti mir-rekwiżiti nazzjonali li skont dawn inħareġ iċ-ċertifikat eżistenti.
3. B'deroga mill-paragrafu 2(b), l-Awtorità Kompetenti tista' tiddeċiedi li tirrinunzja li turi konformità, jekk din tinstab li toħloq sforz mhux xieraq u sproporzjonat.
 4. L-Awtorità Kompetenti għandha żżomm rekords dwar il-proċess ta' konverżjoni.

Artikolu 7

Devjazzjonijiet mill-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni

1. Matul il-proċess ta' ċertifikazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikati skont dan ir-Regolament u l-annessi tiegħu, l-Awtorità Kompetenti sal-31 ta' Diċembru 2024, tista' taċċetta l-applikazzjonijiet għal ċertifikat inkluż devjazzjonijiet mill-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni maħruġa mill-Aġenzija, jekk:
 - (a) dawn id-devjazzjonijiet ma jkunux jikkwalifikaw bħala livell ekwivalenti ta' każ ta' sigurtà skont ADR.AR.C.020, jew ma jikkwalifikawx bħala każ ta' kundizzjoni speċjali skont ADR.AR.C.025 tal-Anness I għal dan ir-Regolament; u
 - (b) dawn id-devjazzjonijiet ikunu eżistew qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament; u
 - (c) r-rekwiżiti essenzjali fl-Anness Va tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 jiġu rispettati minn dawn id-devjazzjonijiet, supplimentati minn miżuri ta' mitigazzjoni u azzjonijiet korrettivi kif ikun xieraq; u
 - (d) tkun tlestiet valutazzjoni ta' sostenn dwar is-sigurtà għal kwalunkwe devjazzjoni bħal din.
2. L-Awtorità Kompetenti għandha tiġbor l-evidenza li tappoġġja l-kundizzjonijiet ta' hawn fuq f'Dokument ta' Azzjoni u Aċċettazzjoni tad-Devjazzjoni (DAAD). L-awtorità kompetenti għandha tispeċifika l-perjodu ta' aċċettazzjoni ta' dawn id-devjazzjonijiet.
3. Il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafu 1(a), (c) u (d) ta' hawn fuq għandhom jiġu riveduti u vvalutati mill-operatur ta' ajrudom u l-Awtorità Kompetenti għall-validità kontinwa u l-ġustifikazzjoni, kif ikun xieraq. Dan id-dokument għandu jiġi emendat kif meħtieġ.

Artikolu 8

Salvagwardja tal-madwar tal-ajrudrom

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw konsultazzjonijiet xierqafir-rigward tal-kostruzzjonijiet proposti fil-limiti tal-limitazzjoni tal-ostakli u l-uċuħ ta' protezzjoni u wċuħ oħra assoċjati mal-ajrudrom.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw konsultazzjonijiet xierqafir-rigward tal-kostruzzjonijiet proposti lil hinn mil-limiti tal-limitazzjoni tal-ostakli u l-uċuħ ta' protezzjoni u wċuħ oħra assoċjati mal-ajrudromu li jaqbżu ċertu għoli stabbilit mill-Istat Membru.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw koordinazzjoni tas-salvagwardja tal-ajrudromi li jinsabu viċin fruntieri nazzjonali ma' Stati Membri oħra.

Artikolu 9

Monitoraġġ tal-madwar tal-ajrudrom

L-Istati Membri għandhom jiżguraw konsultazzjonijiet xierqa fir-rigward tal-attivitajiet tal-bniedem u l-użu tal-art bħal, iżda mhux limitat għall-punti f'din il-lista li ġejja:

- (a) kull żvilupp jew bidla fl-użu tal-art fiż-żona tal-ajrudrom;
- (b) kull żvilupp li jista' joħloq turbulenza kkawżata minn ostaklu li jista' jkun ta' periklu għal operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru;
- (c) l-użu ta' dwal perikolużi, li jħawdu jew li jqarrqu;
- (d) l-użu ta' wċuħ li jirriflettu ħafna li jistgħu jikkawżaw tgħammix;
- (e) il-ħolqien ta' żoni li jistgħu jinkoraġġixxu l-attività tal-annimali salvaġġi li tista' tkun ta' periklu għal operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru;
- (f) sorsi ta' radjazzjoni mhux viżibbli jew il-preżenza ta' oġġetti fissi jew li jiċċaqalqu li jistgħu jagħmlu interferenza mal-prestazzjoni tas-sistemi ta' sorveljanza, navigazzjoni u komunikazzjoni ajrunawtika jew jaffettwawhom ħażin.

Artikolu 10

Ġestjoni tal-perikli tal-annimali salvaġġi

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-perikli ta' attakk minn annimali salvaġġi jiġu vvalutati permezz ta':
 - (a) l-istabbilment ta' proċedura nazzjonali għar-reġistrazzjoni u r-rappurtar tal-attakki minn annimali salvaġġi mal-inġenju tal-ajru;
 - (b) il-ġbir ta' informazzjoni mill-operaturi ta' inġenji tal-ajru, persunal tal-ajrudrom u sorsi oħra dwar il-preżenza ta' annimali salvaġġi li jikkostitwixxu periklu potenzjali għall-operazzjonijiet tal-inġenju tal-ajru; u;

- (c) evalwazzjoni kontinwa tal-periklu minn annimali salvaġġi minn persunal kompetenti.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rapporti ta' attakk minn organiżmi slavaġ jinġabru u jintbagħtu lill-ICAO biex jiġu inklużi fid-database tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Attakki mill-Għasafar (IBIS) tal-ICAO.

Artikolu 11

Pjan ta' emerġenza għall-komunità lokali

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi stabbilit pjan għall-komunità lokali għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza fl-avjazzjoni fiż-żona lokali tal-ajrudrom.

Artikolu 12

Dħul fis-seħħ

1. Dan ir-Regolment għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
2. L-Awtoritajiet Kompetenti involuti fiċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza tal-ajrudromi, l-operaturi tal-ajrudromi u l-fornituri ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa fi żmien 48 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolment għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I għal dan ir-Regolment.
3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Anness II u l-Anness III ta' dan ir-Regolment għandhom japplikaw għal ajrudromi b'ċertifikat maħruġ skont l-Artikolu 6 mid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat.
4. Ajrudromi li l-proċedura ta' ċertifikazzjoni tagħhom bdiet qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolment, iżda li ma nħarġux b'ċertifikat sa dik id-data, għandu jinħarġilhom ċertifikat biss meta dawn ikunu konformi ma' dan ir-Regolment.
5. L-Artikoli ADR.AR.C.050 u ADR.OR.B.060 li huma inklużi fl-Anness I u II għal dan ir-Regolment kif ukoll l-Appendiċi II għal-Anness II, għandhom isiru applikabbli meta r-Regoli ta' Implimentazzjoni dwar l-għoti ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa jkunu daħlu fis-seħħ. L-Artikoli ADR.AR.A.015 u ADR.OR.A.015 ma għandhomx japplikaw għall-fornituri ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa sakemm ikunu daħlu fis-seħħ ir-Regoli ta' Implimentazzjoni dwar l-għoti ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa.
6. Dan ir-Regolment għandu jkun vinkolanti fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, [...]

*Għall-Kummissjoni
Il-President
[...]*

ANNEX I

Rekwiżiti tal-Awtorità ta' Parti — Ajrudromi (Parti-ADR.AR)

SUBPARTI A — REKWIŻITI ĠENERALI (ADR.AR.A)

ADR.AR.A.001 Kamp ta' applikazzjoni

Dan l-Anness jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-Awtoritajiet Kompetenti involuti fiċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza tal-ajrudromi, l-operaturi tal-ajrudromi u l-fornituri tas-servizz ta' ġestjoni tar-rampa.

ADR.AR.A.005 Awtorità Kompetenti

L-Awtorità Kompetenti magħżula mill-Istat Membru fejn jinsab l-ajrudrom għandha tkun responsabbli:

- (a) għaċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza tal-ajrudrom u l-operatur tal-ajrudrom tiegħu;
- (b) tissorvelja l-fornituri ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa.

ADR.AR.A.010 Dokumentazzjoni ta' sorveljanza

- (a) L-Awtorità Kompetenti għandha tipprovi l-atti leġiżlattivi, l-istandards, ir-regoli, il-pubblikazzjonijiet tekniċi u d-dokumenti relatati rilevanti lill-persunal rilevanti tagħha biex iwettaq il-kompiti tiegħu u biex jaqdi r-responsabbiltajiet tiegħu.
- (b) L-Awtorità Kompetenti għandha tqiegħed disponibbli l-atti leġiżlattivi, l-istandards, ir-regoli, il-pubblikazzjonijiet tekniċi u d-dokumenti relatati lill-operaturi tal-ajrudromi u partijiet interessati oħra biex tiffaċilita l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti applikabbli.

ADR.AR.A.015 Mezzi ta' konformità

- (a) L-Aġenzija għandha tiżviluppa Mezzi ta' Konformità Aċċettabbli (AMC) li jistgħu jintużaw biex tiġi stabbilita konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu. Meta tintlaħaq konformità mal-Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità, ir-rekwiżiti relatati tar-Regoli ta' Implimentazzjoni jiġu sodisfatti.
- (b) Jistgħu jintużaw mezzi alternattivi ta' konformità biex tiġi stabbilita konformità mar-Regoli ta' Implimentazzjoni.
- (c) L-Awtorità Kompetenti għandha tistabbilixxi sistema biex jiġu evalwati b'mod konsistenti li l-mezzi alternattivi ta' konformità li tuża hi jew li jużaw l-operaturi tal-ajrudromi jew il-fornituri ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa li huma taħt is-sorveljanza tagħha jipprevedu l-konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu.
- (d) L-Awtorità Kompetenti għandha tevalwa l-mezzi alternattivi ta' konformità proposti minn operatur ta' ajrudrom jew minn fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa, skont ADR.AR.A.015, billi tanalizza d-dokumentazzjoni mogħtija u, jekk jitqies neċessarju, twettaq spezzjoni tal-operatur ta' ajrudrom, l-ajrudrom jew il-fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa.

Meta l-Awtorità Kompetenti ssib li l-mezzi alternattivi ta' konformità proposti mill-operatur ta' ajrudrom jew il-fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa huma konformi mar-Regoli ta' Implimentazzjoni, mingħajr dewmien żejjed għandha:

- (1) tinnotifika lill-applikant li l-mezzi alternattivi ta' konformità jistgħu jiġu implimentati u, jekk ikun applikabbli, temenda ċ-ċertifikat jew l-approvazzjoni tal-applikant, kif ikun xieraq;
 - (2) tinforma lill-Aġenzija dwar il-kontenut tagħhom, billi tinkludi kopji tad-dokumentazzjoni rilevanti;
 - (3) tinforma lil Stati Membri oħra dwar mezzi alternattivi ta' konformità li ġew aċċettati;
 - (4) tinforma lill-ajrudromi ċertifikati l-oħra li jinsabu fl-Istat Membru tal-Awtorità Kompetenti, kif ikun xieraq.
- (e) Meta l-Awtorità Kompetenti stess tkun tuża mezzi alternattivi ta' konformità biex tilħaq konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu, għandha:
- (1) tagħmilhom disponibbli għall-operaturi tal-ajrudromi u l-fornituri ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa taħt is-sorveljanza tagħha; u
 - (2) tinnotifika mingħajr dewmien żejjed lill-Aġenzija.

L-Awtorità Kompetenti għandha tipprovdi lill-Aġenzija b'deskrizzjoni sħiħa tal-mezzi alternattivi ta' konformità, billi tinkludi kwalunkwe revizzjoni għall-proċeduri li jistgħu jkunu rilevanti, kif ukoll valutazzjoni li turi li ġew osservati r-Regoli ta' Implimentazzjoni.

ADR.AR.A.025 Informazzjoni lill-Aġenzija

- (a) L-Awtorità Kompetenti mingħajr dewmien żejjed għandha tinnotifika lill-Aġenzija f'każ ta' kwalunkwe problema sinifikanti bl-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu.
- (b) L-Awtorità Kompetenti għandha tipprovdi lill-Aġenzija b'informazzjoni sinifikanti dwar is-sigurtà mir-rapporti ta' okkorrenza li tkun irċeviet.

ADR.AR.A.030 Reazzjoni immedjata għal problema ta' sigurtà

- (a) Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2003/42/KE³, l-Awtorità Kompetenti għandha timplimenta sistema biex tiġbor, tanalizza u xxerred b'mod xieraq informazzjoni dwar is-sigurtà.
- (b) L-Aġenzija għandha timplimenta sistema biex tanalizza b'mod xieraq kwalunkwe informazzjoni dwar is-sigurtà rilevanti u mingħajr dewmien żejjed tipprovdi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni kwalunkwe informazzjoni, inkluż rakkomandazzjonijiet jew azzjonijiet korrettivi li għandhom jittieħdu, meħtieġa għalihom biex jirreaġixxu fil-ħin għall-problema dwar is-sigurtà li tkun tinvolvi l-ajrudromi, l-operaturi tal-ajrudromi u l-fornituri ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa soġġetti għar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu.
- (c) Malli tirċievi l-informazzjoni msemmija f'(a) u (b), l-Awtorità Kompetenti għandha tieħu miżuri xierqa biex tindirizza l-problema marbuta mas-sigurtà, inkluż il-ħruġ ta' direttivi dwar is-sigurtà skont ADR.AR.A.040.

³ Id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2003 dwar ir-rappurtar tal-okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili (ĠU L 167, 4.7.2003, p. 23).

- (d) Il-miżuri meħuda skont (c) għandhom jiġu nnotifikati minnufih lill-ajrudromi tal-operaturi jew il-fornituri ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa li jridu jikkonformaw magħhom skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu. L-Awtorità Kompetenti għandha tinnotifika wkoll daww il-miżuri lill-Aġenzija u, meta tkun meħtieġa azzjoni kkombinata, l-Istati Membri l-oħra kkonċernati.

ADR.AR.A.040 Direttivi dwar is-sigurtà

- (a) L-Awtorità Kompetenti għandha toħroġ direttiva dwar is-sigurtà jekk tkun stabbilixxiet l-eżistenza ta' kundizzjoni mhux sigura li teħtieġ azzjoni immedjata, inkluż il-wiri ta' konformità ma' kwalunkwe speċifikazzjoni ta' ċertifikazzjoni emendata jew addizzjonali stabbilita mill-Aġenzija, li l-Awtorità Kompetenti ssib li hi meħtieġa.
- (b) Għandha tintbagħat direttiva dwar is-sigurtà lill-operaturi tal-ajrudromi jew il-fornituri ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa kkonċernati, kif ikun xieraq, u għandha tkun tinkludi, bħala minimu, l-informazzjoni li ġejja:
- (1) l-identifikazzjoni tal-kundizzjoni mhux sigura;
 - (2) l-identifikazzjoni tad-disinn, it-tagħmir, jew l-operazzjoni affettwata;
 - (3) L-azzjonijiet meħtieġa u l-ġustifikazzjoni tagħhom, inkluż l-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni emendati jew addizzjonali li għandu jkun hemm konformità magħhom;
 - (4) il-limitu ta' żmien għall-konformità mal-azzjonijiet meħtieġa; u
 - (5) id-data ta' dħul fis-seħħ tagħha.
- (c) L-Awtorità Kompetenti għandha tibgħat kopja tad-direttiva dwar is-sigurtà lill-Aġenzija.
- (d) L-Awtorità Kompetenti għandha tivverifika l-konformità tal-operaturi tal-ajrudromi u l-fornituri ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa mad-direttivi tas-sigurtà applikabbli.

SUBPARTI B – ĠESTJONI (ADR.AR.B)

ADR.AR.B.005 Sistema ta' ġestjoni

- (a) L-Awtorità Kompetenti għandha tistabbilixxi u żżomm sistema ta' ġestjoni, li bħala minimu tinkludi:
- (1) politiki u proċeduri ddokumentati biex tiddekrivi l-organizzazzjoni, il-mezzi u l-metodi tagħha biex tilħaq konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2009 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu. Il-proċeduri għandhom jinżammu aġġornati u jservu bħala d-dokumenti ta' f'idma bażiċi fi f'ħdan dik l-Awtorità Kompetenti għall-kompiti relatati kollha;
 - (2) numru suffiċjenti ta' persunal, inkluż spetturi tal-ajrudrom, biex iwettqu l-kompiti tagħha u jaqdu r-responsabbiltajiet tagħha. Dan il-persunal għandu jkun ikkwalifikat biex iwettaq il-kompiti tiegħu u jkollu l-għarfien, l-esperjenza, it-taħriġ inizjali, rikorrenti u fuq il-post tax-xogħol meħtieġa biex tiġi żgurata kompetenza kontinwa. Għandha tiddaħħal fis-seħħ sistema biex tiġi ppjanata d-disponibbiltà tal-persunal, biex jiġi żgurat it-twettiq xieraq tal-kompiti relatati kollha;
 - (3) faċilitajiet u akkomodazzjoni ta' uffiċċju xierqa biex jitwettqu l-kompiti allokat; i
 - (4) proċess formali biex tiġi sorveljata l-konformità tas-sistema ta' ġestjoni mar-rekwiżiti rilevanti u l-adegwatezza tal-proċeduri, inkluż l-istabbiliment ta' proċess ta' verifika interna u proċess ta' ġestjoni tar-riskji għas-sigurtà.
- (b) L-Awtorità Kompetenti, għal kull qasam ta' attività inkluża fis-sistema ta' ġestjoni, għandha taħtar persuna waħda jew aktar bir-responsabbiltà globali mill-ġestjoni tal-kompitu/kompiti rilevanti.
- (c) L-Awtorità Kompetenti għandha tistabbilixxi proċeduri għall-parteċipazzjoni fi skambju reċiproku tal-informazzjoni u l-assistenza kollha meħtieġa ta' awtoritajiet kompetenti oħra kkonċernati.

ADR.AR.B.010 Allokazzjoni tal-kompiti lill-entitajiet ikkwalifikati

- (a) Il-kompiti relatati maċ-ċertifikazzjoni inizjali jew is-sorveljanza kontinwa tal-persuni jew l-organizzazzjonijiet soġġetti għar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu għandhom jiġu allokat i mill-Istati Membri lill-entitajiet ikkwalifikati biss. Meta talloka l-kompiti, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li:
- (1) a system in place to initially and continuously asses that the qualified entity complies with Annex V to Regulation (EC) No 216/2008.
Din is-sistema u r-riżultati tal-valutazzjonijiet għandhom jiġu ddokumentati.
 - (2) stabbilixxiet qbil iddokumentat mal-entità kkwalfikata, approvat miż-żewġ partijiet fil-livell ta' ġestjoni xieraq, li jiddefinixxi b'mod ċar:
 - (i) il-kompiti li għandhom jitwettqu;
 - (ii) id-dikjarazzjonijiet, ir-rapporti u r-rekords li għandhom jingħataw;
 - (iii) il-kundizzjonijiet tekniċi li għandhom jiġu sodisfatti fit-twettiq ta' dawn il-kompiti;
 - (iv) il-kopertura ta' responsabbiltà relatata; u

- (v) il-protezzjoni mogħtija lill-informazzjoni miksuba fit-twettiq ta' dawn il-kompiti.
- (b) L-Awtorità Kompetenti għandha tiżgura li l-proċess ta' verifika interna u l-proċess ta' ġestjoni tar-riskju għas-sigurtà meħtieġ minn ADR.AR.B.005(a)(4) ikopri l-kompiti ta' sorveljanza kontinwa jew ċertifikazzjoni kollha mwettqa f'isimha.

ADR.AR.B.015 Tibdil fis-sistema ta' ġestjoni

- (a) L-Awtorità Kompetenti għandha jkollha fis-seħħ sistema biex tidentifika l-bidliet li jaffettwaw il-kapaċità tagħha biex twettaq il-kompiti tagħha u biex taqdi r-responsabbiltajiet tagħha kif iddefinit fir-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu. Din is-sistema għandha tippermettilha tiegħu azzjoni, kif ikun xieraq, biex tiżgura li s-sistema ta' ġestjoni tibqa' xierqa u effettiva.
- (b) L-Awtorità Kompetenti għandha taġġorna s-sistema ta' ġestjoni tagħha biex tirrifletti kwalunkwe bidla fir-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu fil-ħin, biex tiżgura implimentazzjoni effettiva.
- (c) L-Awtorità Kompetenti għandha tinnotifika lill-Aġenzija dwar il-bidliet li jaffettwaw il-kapaċità tagħha biex twettaq il-kompiti tagħha u biex taqdi r-responsabbiltajiet tagħha kif iddefinit fir-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu.

ADR.AR.B.020 Żamma tar-rekords

- (a) L-Awtorità Kompetenti għandha tistabbilixxi sistema ta' żamma tar-rekords li tipprovdi ħażna, aċċessibbiltà xierqa u traċċabbiltà affidabbli ta':
 - (1) il-politiki u l-proċeduri ddokumentati tas-sistema ta' ġestjoni;
 - (2) it-taħriġ, il-kwalifika u l-awtorizzazzjoni tal-persunal tagħha;
 - (3) l-allokazzjoni tal-kompiti lill-entitajiet ikkwalifikati, li jkopru l-elementi meħtieġa minn ADR.AR.B.010, kif ukoll id-dettalji tal-kompiti allokat;
 - (4) il-proċess ta' ċertifikazzjoni u s-sorveljanza kontinwa tal-ajrudromi u l-operaturi tal-ajrudromi;
 - (5) il-proċess ta' dikjarazzjoni u s-sorveljanza kontinwa tal-fornituri ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa;
 - (6) id-dokumentazzjoni dwar il-każijiet ta' livell ekwivalenti ta' sigurtà u l-kundizzjonijiet speċjali li huma inklużi fil-bażi taċ-ċertifikazzjoni, kif ukoll kwalunkwe Dokument ta' Azzjoni u Aċċettazzjoni tad-Devjazzjoni (DAAD);
 - (7) l-evalwazzjoni u n-notifika lill-Aġenzija tal-mezzi alternattivi ta' konformità proposti mill-operaturi tal-ajrudromi u l-fornituri ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa u l-valutazzjoni tal-mezzi alternattivi ta' konformità użati mill-Awtorità Kompetenti stess;
 - (8) is-sejbiet, l-azzjonijiet korrettivi u d-data tal-għeluq tal-azzjoni;
 - (9) il-miżuri ta' infurzar meħuda;
 - (10) l-informazzjoni dwar is-sigurtà u l-miżuri ta' segwitu; u
 - (11) l-użu ta' dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

- (b) L-Awtorità Kompetenti għandha żżomm lista' ta' kull ċertifikat li ħarġet u dikjarazzjoni li rċeviet.
- (c) Għandhom jinżammu rekords relatati maċ-ċertifikazzjoni ta' ajrudrom u operator ta' ajrudrom, jew id-dikjarazzjoni ta' fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa għat-tul taż-żmien taċ-ċertifikat jew id-dikjarazzjoni, kif xieraq.
- (d) Għandhom jinżammu rekords relatati ma' (a)(1) sa (a)(3) u (a)(7) sa (a)(11) għal perjodu minimu ta' ħames snin, soġġett għal-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta .

SUBPARTI C – SORVELJANZA, ĊERTIFIKAZZJONI U INFURZAR (ADR.AR.C)

ADR.AR.C.005 Sorveljanza

- (a) L-Awtorità Kompetenti għandha tivverifika:
 - (1) il-konformità mal-bażi ta' ċertifikazzjoni u r-rekwiżiti kollha applikabbli għall-ajrudromi u l-operaturi tal-ajrudromi qabel il-ħruġ ta' approvazzjoni jew ċertifikat;
 - (2) il-konformità kontinwa mal-bażi ta' ċertifikazzjoni u r-rekwiżiti applikabbli, tal-ajrudromi u l-operaturi tal-ajrudromi jew il-fornituri ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa soġġetti għall-obbligu ta' dikjarazzjoni; u
 - (3) l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà xierqa kif definit f'ADR.AR.A.030(c) u(d).
- (b) Din il-verifika għandha:
 - (1) tiġi appoġġjata minn dokumentazzjoni maħsuba speċifikament biex tipprovdi lill-persunal responsabbli mis-sorveljanza tas-sigurtà bi gwida għat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu;
 - (2) tipprovdi lill-operaturi tal-ajrudromi u l-fornituri ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa kkonċernati bir-riżultati tal-attività ta' sorveljanza tas-sigurtà;
 - (3) tkun ibbażata fuq verifiki u spezzjonijiet, inkluż spezzjonijiet għal għarrieda, fejn ikun xieraq; u
 - (4) tipprovdi lill-awtorità kompetenti bl-evidenza meħtieġa f'każ li tkun meħtieġa azzjoni ulterjuri, inkluż il-miżuri previsti minn ADR.AR.C.055.
- (c) Il-kamp ta' applikazzjoni tas-sorveljanza għandu jqis ir-riżultati tal-attivitajiet ta' sorveljanza preċedenti u l-prijoritajiet ta' sigurtà identifikati.
- (d) L-Awtorità Kompetenti għandha tiġbor u tipproċessa kwalunkwe informazzjoni meqjusa bħala utli għas-sorveljanza, inkluż l-ispezzjonijiet għal għarrieda, kif ikun xieraq.
- (e) Permezz tas-setgħat ta' sorveljanza tagħha, l-Awtorità Kompetenti tista' tiddeċiedi li tkun teħtieġ approvazzjoni minn qabel għal kwalunkwe ostakli, żviluppi u attivitajiet oħra fiż-żoni ssorveljati mill-operatur tal-ajrudrom skont l-ADR.OPS.B.075, li jistgħu jipperikolaw is-sigurtà u jaffettwaw b'mod negattiv l-operat ta' ajrudrom.

ADR.AR.C.010 Programm ta' sorveljanza

- (a) L-Awtorità Kompetenti għal kull operatur ta' ajrudrom u fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa li jiddikjara l-attività tiegħu lill-Awtorità Kompetenti, għandha:
 - (1) tistabbilixxi u jżomm programm ta' sorveljanza li jkopri l-attivitajiet ta' sorveljanza meħtieġa minn ADR.AR.C.005;
 - (2) tapplika ċiklu ta' ppjanar tas-sorveljanza xieraq, li ma jaqbiżx it-48 xahar.
- (b) Il-programm ta' sorveljanza għandu jinkludi fi ħdan kull ċiklu ta' ppjanar tas-sorveljanza, verifiki u spezzjonijiet, inkluż spezzjonijiet għal għarrieda, kif ikun xieraq.
- (c) Il-programm ta' sorveljanza u ċ-ċiklu ta' ppjanar għandu jirrifletti l-prestazzjoni tas-sigurtà tal-operatur ta' ajrudrom u l-esponiment għar-riskju tal-ajrudrom.

- (d) Il-programm ta' sorveljanza għandu jinkludi rekords tad-dati meta għandhom isiru l-verifiki u l-ispezzjonijiet u meta twettqu l-verifiki u l-ispezzjonijiet.

ADR.AR.C.015 Bidu tal-proċess ta' ċertifikazzjoni

- (a) Malli tirċievi applikazzjoni għall-ħruġ inizjali ta' ċertifikat, l-Awtorità Kompetenti għandha tivvaluta l-applikazzjoni u għandha tivverifika l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli.
- (b) F'każ ta' ajrudrom eżistenti, l-Awtorità Kompetenti għandha tistipula l-kundizzjonijiet skont liema l-operatur ta' ajrudrom għandu jopera matul il-perjodu ta' ċertifikazzjoni, sakemm l-awtorità kompetenti ma tistabbilixxix li l-operat tal-ajrudrom jeħtieġ li jiġi sospiż. L-Awtorità Kompetenti għandha tinforma lill-operatur tal-ajrudrom dwar l-iskeda mistennija għall-proċess ta' ċertifikazzjoni utikkonkludi ċ-ċertifikazzjoni fl-iqsar żmien possibbli.
- (c) L-Awtorità Kompetenti għandha tistabbilixxi u tinnotifika lill-applikant dwar il-bażi ta' ċertifikazzjoni skont ADR.AR.C.020.

ADR.AR.C.020 Bażi ta' ċertifikazzjoni

Il-bażi ta' ċertifikazzjoni għandha tiġi stabbilita u nnotifikata lil applikant mill-Awtorità Kompetenti u għandha tikkonsisti minn:

- (a) l-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni maħruġa mill-Aġenzija li l-Awtorità Kompetenti tarahom applikabbli għad-disinn u t-tip tal-operat tal-ajrudrom u li huma effettivi fid-data ta' applikazzjoni għal dak iċ-ċertifikat, sakemm:
- (1) l-applikant ma jagħzix li jilħaq konformità ma' emendi effettivi sussegwenti; jew
 - (2) l-Awtorità Kompetenti ma ssibx li hija meħtieġa konformità ma' dawn l-emendi effettivi sussegwenti;
- (b) kwalunkwe dispożizzjoni li għaliha ġie aċċettat livell ekwivalenti ta' sigurtà mill-Awtorità Kompetenti għandha tintwera mill-applikant;
- (c) kwalunkwe kundizzjoni speċjali preskritta skont ADR.AR.C.025, li l-Awtorità Kompetenti taraha neċessarja li tkun inkluża fil-bażi ta' ċertifikazzjoni.

ADR.AR.C.025 Kundizzjonijiet speċjali

- (a) L-Awtorità Kompetenti għandha tistipula speċifikazzjonijiet tekniċi ddettaljati speċjali, il-kundizzjonijiet speċjali msemmija, għal ajrudrom, jekk l-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni relatati maħruġa mill-Aġenzija msemmija fl-Artikolu ADR.AR.C.020(a) ma jkunux adegwati jew xierqa, biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali tal-Anness Va għar-Regolament (KE) Nru 216/2008, peress li:
- (1) l-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni ma jkunux jistgħu jiġu sodisfatti, minħabba limitazzjonijiet fiżiċi, topografiċi jew limitazzjonijiet oħrajn simili li jkunu relatati mal-post fejn jinsab l-ajrudrom;
 - (2) l-ajrudrom ikollu karatteristiċi ta' disinn ġodda jew mhux tas-soltu; jew
 - (3) l-esperjenza mill-operat ta' dak l-ajrudrom jew ajrudromi oħra li jkollhom karatteristiċi ta' disinn simili tkun uriet li s-sigurtà tista' titqiegħed f'periklu.
- (b) Il-kundizzjonijiet speċjali għandu jkun fihom dawn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, inkluż il-limitazzjonijiet jew il-proċeduri li għandu jkun hemm konformità magħhom, peress li l-

awtorità kompetenti ssib li huwa meħtieġ li tiġi żgurata konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness Va għar-Regolament (KE)
Nru 216/2008.

ADR.AR.C.035 Fruġ ta' ċertifikati

- (a) L-awtorità kompetenti tista' teħtieġ kull spezzjoni, test, valutazzjoni tas-sigurtà, jew eżerċizzju li tqis meħtieġ qabel toħroġ iċ-ċertifikat.
- (b) L-awtorità kompetenti għandha jew toħroġ:
 - (1) ċertifikat ta' ajrudrom uniku; jew
 - (2) żewġ ċertifikati separati, wieħed għall-ajrudrom u wieħed għall-operatur tal-ajrudrom.
- (c) L-awtorità kompetenti għandha toħroġ iċ-ċertifikat(i) stipulat(i) f'paragrafu (b) meta l-operatur tal-ajrudrom ikun wera konformità ma' ADR.OR.B.025 u ADR.OR.E.005 għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti.
- (d) Iċ-ċertifikat għandu jitqies li jinkludi l-bażi taċ-ċertifikat tal-ajrudrom, il-manwal tal-ajrudrom, u, jekk ikun rilevanti, kwalunkwe kundizzjoni jew limitazzjoni operattiva oħra stipulata mill-awtorità kompetenti u kwalunkwe Dokument ta' Azzjoni u Aċċettazzjoni tad-Devjazzjoni (DAAD).
- (e) Iċ-ċertifikat għandu jinħareġ għal perjodu illimitat. Il-privileġġi tal-attivitàjiet li l-operatur tal-ajrudrom huwa approvat li jwettaq għandhom jiġu speċifikati fit-termini taċ-ċertifikat meħmuż miegħu.
- (f) Is-sejbiet, minbarra dawk tal-livell 1 u li ma ngħalqux qabel id-data taċ-ċertifikazzjoni, għandhom jiġu vvalutati għas-sigurtà u mmitigati kif ikun meħtieġ, filwaqt li għandu jiġi approvat pjan ta' azzjoni korrettiva għall-għeluq tas-sejbiet mill-awtorità kompetenti.
- (g) Sabiex operator ta' ajrudrom ikun jista' jimplementa l-bidliet mingħajr approvazzjoni minn qabel tal-Awtorità Kompetenti skont ADR.OR.B.040(d), l-Awtorità Kompetenti għandha tapprova proċedura li tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-bidliet u li tiddekrivi kif sejrjn jiġu ġestiti u nnotifikati dawn il-bidliet.

ADR.AR.C.040 Bidliet

- (a) Malli tiġi rċevuta applikazzjoni għal bidla skont ADR.OR.B.40, li tkun teħtieġ approvazzjoni minn qabel, l-Awtorità Kompetenti għandha tivvaluta l-applikazzjoni u, jekk ikun rilevanti, tinnotifika l-operatur tal-ajrudrom dwar:
 - (1) l-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni applikabbli maħruġa mill-Aġenzija, li huma applikabbli għall-bidla proposta u li huma effettivi fid-data tal-applikazzjoni, sakemm:
 - (i) l-applikant ma jagħzix li jilħaq konformità ma' emendi effettivi sussegwenti; jew
 - (ii) l-awtorità kompetenti ma ssibx li hija meħtieġa konformità ma' dawn l-emendi effettivi sussegwenti;
 - (2) kwalunkwe speċifikazzjoni ta' ċertifikazzjoni maħruġa mill-Aġenzija li l-awtorità kompetenti tqis relatata direttament mal-bidla proposta;

- (3) kwalunkwe kundizzjoni speċjali, u emenda f'kundizzjonijiet speċjali, stipulata mill-Awtorità Kompetenti skont l-Artikolu ADR.AR.C.025, li l-Awtorità Kompetenti tqis li hija meħtieġa;
- (4) il-bażi ta' ċertifikazzjoni emendata, jekk tkun affettwata mill-bidla proposta.
- (b) L-awtorità kompetenti għandha tapprova l-bidla meta l-operatur tal-ajrudrom ikun wera, konformità mar-rekwiżiti f'ADR.OR.B.040 u, jekk ikun applikabbli ma' ADR.OR.E.005, għas-sodisfazzjon tal-Awtorità Kompetenti.
- (c) Jekk il-bidla approvata taffettwa t-termini ta' ċertifikat, l-Awtorità Kompetenti għandha temendahom.
- (d) L-Awtorità Kompetenti għandha tapprova kwalunkwe kundizzjoni skont liema l-operatur tal-ajrudrom għandu jopera matul il-bidla.
- (e) Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura ta' infurzar addizzjonali, meta l-operatur tal-ajrudrom jimplementa bidliet li jkunu jeħtieġu approvazzjoni minn qabel mingħajr ma jkun irċieva approvazzjoni minn awtorità kompetenti kif iddefinit f'(a), l-awtorità kompetenti għandha tqis il-ħtieġa li tissospendi, tillimita jew tirrevoka ċ-ċertifikat.
- (f) Għal bidliet li ma jkunux jeħtieġu approvazzjoni minn qabel, l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta l-informazzjoni mogħtija fin-notifika mibgħuta mill-operatur tal-ajrudrom f'konformità ma' ADR.OR.B.040 (d) biex tivvaluta l-ġestjoni xierqa tagħhom u tivverifika l-konformità tagħhom mal-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni u rekwiżiti xierqa oħra li huma applikabbli għall-bidla. F'każ ta' nuqqas ta' konformità, l-awtorità kompetenti għandha:
 - (1) tinnotifika lill-operatur tal-ajrudrom dwar in-nuqqas ta' konformità u titlob bidliet oħrajn; u
 - (2) f'każ ta' sejbiet ta' livell 1 jew livell 2, taġixxi skont l-Artikolu ADR.AR.C.055.

ADR.AR.C.050 Dikjarazzjonijiet tal-fornituri ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa

- (a) Malli tirċievi dikjarazzjoni minn fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa li jkun beħsiebu jipprova dawn is-servizzi f'ajrudrom, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika li d-dikjarazzjoni fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa minn Parti-ADR.OR u għandha tirrikonoxxi r-riċevuta tad-dikjarazzjoni lil dik l-organizzazzjoni.
- (b) Jekk id-dikjarazzjoni ma jkunx fiha l-informazzjoni meħtieġa, jew ikun fiha informazzjoni li tindika nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti applikabbli, l-Awtorità Kompetenti għandha tinnotifika lill-fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa u l-operatur tar-rampa dwar in-nuqqas ta' konformità u titlob aktar informazzjoni. Jekk ikun meħtieġ, l-Awtorità Kompetenti għandha twettaq spezzjoni tal-fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa u l-operatur tal-ajrudrom. Jekk in-nuqqas ta' konformità tiġi kkonfermata, l-Awtorità Kompetenti għandha tiegħu azzjoni kif iddefinit f'ADR.AR.C.055.
- (c) L-Awtorità Kompetenti għandha żżomm reġistru tad-dikjarazzjonijiet tal-fornituri ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa taħt is-sorveljanza tagħha.

ADR.AR.C.055 Sejbiet, osservazzjonijiet, azzjonijiet korrettivi u miżuri ta' infurzar

- (a) L-Awtorità Kompetenti għas-sorveljanza skont ADR.AR.C.005 (a), għandu jkollha sistema biex tanalizza s-sejbiet fid-dawl tal-importanza għas-sigurtà tagħhom.
- (b) Meta tiġi skoperta nuqqas ta' konformità mal-bażi ta' ċertifikazzjoni tal-ajrudrom, ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu, mal-proċeduri u l-manwal tal-operatur tal-ajrudrom jew il-fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa, mat-termini taċ-ċertifikat jew iċ-ċertifikat jew mal-kontenut ta' dikjarazzjoni li tnaqqas is-sigurtà jew tpoġġi f'periklu serju s-sigurtà, L-Awtorità Kompetenti għandha toħroġ sejba ta' livell 1.

Is-sejba ta' livell 1 għandha tinkludi:

- (1) nuqqas li jingħata aċċess lill-awtorità kompetenti għall-ajrudrom u l-operaturi tal-ajrudrom jew il-fornitur tal-faċilitajiet tas-servizzi ta' ġestjoni tar-rampa kif iddefinit f'ADR.OR.C.015 matul is-sigħat ta' operat normali u wara żewġ talbiet bil-miktub;
 - (2) il-kisba jew iż-żamma tal-validità ta' ċertifikat billi tiġi ffalsifikata l-evidenza ddokumentata sottomessa;
 - (3) l-evidenza ta' Prattika ħażina jew l-użu frodulanti ta' ċertifikat; u
 - (4) in-nuqqas ta' maniġer responsabbli.
- (c) Għandha toħroġ sejba ta' livell 2 meta tiġi skoperta nuqqas ta' konformità mal-bażi ta' ċertifikazzjoni tal-ajrudrom, ir-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu, mal-proċeduri u l-manwali tal-operatur tal-ajrudrom jew il-fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa, mat-termini taċ-ċertifikat jew iċ-ċertifikat jew mal-kontenut ta' dikjarazzjoni li tnaqqas is-sigurtà jew tpoġġi f'periklu serju s-sigurtà.
- (d) Meta tiġi skoperta sejba, matul is-sorveljanza jew bi kwalunkwe mezz ieħor, l-Awtorità Kompetenti, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni addizzjonali meħtieġa mir-Regolament Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu, għandha tikkomunika s-sejba lill-operatur tal-ajrudrom jew il-fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa bil-miktub u titlob azzjoni korrettiva biex tindirizza n-nuqqas(ijiet) ta' konformità identifikat.
- (1) F'każ ta' sejbiet ta' livell 1, l-Awtorità Kompetenti għandha tiegħu azzjoni immedjata u xierqa biex tipprojbixxi jew tillimita attivitajiet, u jekk ikun xieraq, għandha tiegħu azzjoni biex tirrevoka ċ-ċertifikat jew biex tneħħi r-reġistrazzjoni tad-dikjarazzjoni, jew biex tillimita jew tissospendi ċ-ċertifikat jew id-dikjarazzjoni b'mod sħiħ jew parti minnha, skont il-kobor tas-sejba, sakemm tittieħed azzjoni korrettiva b'suċċess mill-operatur ta' ajrudrom jew mill-fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa.
 - (2) F'każ ta' sejbiet ta' livell 2, l-Awtorità Kompetenti għandha:
 - (i) tagħti lill-operatur tal-ajrudrom jew il-fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa, perjodu ta' implimentazzjoni għal azzjoni korrettiva inkluż fi pjan ta' azzjoni xieraq għan-natura tas-sejba; u
 - (ii) tivvaluta l-azzjoni korrettiva u l-pjan ta' implimentazzjoni propost mill-operatur tal-ajrudrom jew il-fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa u, jekk il-valutazzjoni tikkonkludi li huma suffiċjenti biex jindirizzaw in-nuqqas(ijiet) ta' konformità, taċċetta dawn.

- (3) Meta l-operatur tal-ajrudrom jew il-fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa jonqos milli jissottometti pjan ta' azzjoni korrettiva aċċettabbli, jew iwettaq azzjoni korrettiva fil-limiti tal-perjodu ta' żmien aċċettat jew estiż mill-Awtorità Kompetenti, is-sejba għandha tiġi elevata għal sejba ta' livell 1, u għandha tittieħed azzjoni kif stabbilit f'(d)(1).
- (4) L-Awtorità Kompetenti għandha żżomm rendikont tas-sejbiet kollha li tkun elevat u fejn ikun applikabbli, tal-miżuri ta' infurzar li tkun applikat, kif ukoll ta' kull azzjoni korrettiva u data ta' għeluq ta' azzjoni għas-sejbiet.
- (e) Għal dawk il-każijiet li ma jeħtiġux sejbiet ta' livell 1 jew ta' livell 2, l-Awtorità Kompetenti tista' toħroġ osservazzjonijiet.

ANNEX II

Rekwiżiti ta' Organizzazzjoni ta' Parti – Operaturi tal-Ajrudromi (Parti-ADR.OR)

SUBPARTI A – REKWIŻITI ĠENERALI (ADR.OR.A)

ADR.OR.A.005 Kamp ta' applikazzjoni

Dan l-Anness jistabbilixxi r-rekwiżiti li għandhom jiġu segwiti minn:

- (a) operator ta' ajrudrom soġġett għar-Regolament (KE) Nru 216/2008 fir-rigward ta' ċertifikazzjoni, il-ġestjoni, il-manwali u responsabbiltajiet oħra tiegħu;
- (b) fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa.

ADR.OR.A.010 Awtorità Kompetenti

Għall-fini ta' din il-Parti, l-Awtorità Kompetenti għandha tkun dik magħżula mill-Istat Membru fejn ikun jinsab l-ajrudrom.

ADR.OR.A.015 Mezzi ta' konformità

- (a) Jistgħu jintużaw mezzi alternattivi ta' konformità minn dawk adottati mill-Aġenzija minn operatur ta' ajrudrom jew fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa biex tiġi stabbilita konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu.
- (b) Meta operatur ta' ajrudrom jew fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa jixtieq juża mezzi ta' konformità alternattivi mill-Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità (AMC) li ġew adottati mill-Aġenzija biex tiġi stabbilita konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu, qabel ma jimplimentahom, għandu jipprova lill-Awtorità Kompetenti b'deskrizzjoni sħiħa tal-mezzi alternattivi ta' konformità. Id-deskrizzjoni għandha tinkludi kwalunkwe revizzjoni fil-manwali jew il-proċeduri li jistgħu jkunu rilevanti, kif ukoll valutazzjoni li turi li ġew sodisfatti r-Regoli ta' Implimentazzjoni.

L-operatur tal-ajrudrom jew il-fornitur tas-servizzi ta' ġestjoni tar-rampa jistgħu jimplimentaw dawn il-mezzi alternattivi ta' konformità soġġett għall-approvazzjoni minn qabel mill-Awtorità Kompetenti u mar-riċevuta tan-notifika, kif stipulat f'ADR.AR.A.015(d)..

- (c) Fejn mhumiex ipprovduti servizzi ta' ġestjoni tar-rampa mill-operatur tal-ajrudrom stess, l-użu ta' mezzi alternattivi ta' konformità mill-fornituri ta' dawn is-servizzi skont (a) u (b), għandu jeħtieġ ukoll qbil minn qabel mill-operatur tal-ajrudrom fejn huma pprovduti dawn is-servizzi.

SUBPARTI B – ĊERTIFIKAZZJONI (ADR.OR.B)

ADR.OR.B.005 Obbligi ta' ċertifikazzjoni tal-ajrudromi u l-operaturi tal-ajrudromi

Qabel il-bidu tal-operat ta' ajrudrom jew meta tkun ġiet revokata eżenzjoni skont l-Artikolu 5 tar-Regolament, l-operatur tal-ajrudrom għandu jkseb iċ-ċertifikat(i) applikabbli maħruġ(a) mill-Awtorità Kompetenti.

ADR.OR.B.015 Applikazzjoni għal ċertifikat

- (a) L-applikazzjoni għal ċertifikat għandha ssir fl-għamla u l-mod stabbilit mill-Awtorità Kompetenti.
- (b) L-applikant għandu jipprova lill-Awtorità Kompetenti b'dan li ġej:
 - (1) l-isem uffiċjali u l-isem tan-negozju, l-indirizz u l-indirizz postali tiegħu;
 - (2) informazzjoni u dejta dwar:
 - (i) il-post fejn jinsab l-ajrudrom;
 - (ii) it-tip ta' operazzjonijiet fl-ajrudrom; u
 - (iii) id-disinn u l-faċilitajiet tal-ajrudrom, skont l-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni applikabbli stabbiliti mill-Aġenzija;
 - (3) kwalunkwe devjazzjonijiet proposti mill-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni applikabbli stabbiliti mill-Aġenzija; ;
 - (4) id-dokumentazzjoni li turi kif sejjer jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu. Din id-dokumentazzjoni għandha tinkludi proċedura, li hi inkluża fil-manwal tal-ajrudrom, li tiddeskrivi kif il-bidliet li ma jeħtiġux approvazzjoni minn qabel se jingestiti u nnotifikati lill-Awtorità Kompetenti; il-bidliet sussegwenti f'din il-proċedura għandhom ikunu jeħtieġu approvazzjoni minn qabel mill-Awtorità Kompetenti;
 - (5) evidenza ta' adegwatezza ta' riżorsi biex l-ajrudrom jiġi operat skont ir-rekwiżiti applikabbli;
 - (6) evidenza dokumentata li turi r-relazzjoni tal-applikant ma' sid l-ajrudrom u/jew sid l-art;
 - (7) l-isem u l-informazzjoni rilevanti dwar il-manixer responsabbli u l-persuni l-oħra maħtura li huma mitluba minn ADR.OR.D.015; u
 - (8) kopja tal-manwal ta-ajrudrom mitluba minn ADR.OR.E.005.
- (c) Jekk ikun aċċettat mill-Awtorità Kompetenti, tista' tingħata informazzjoni skont is-subparagrafi (7) u (8) fi stadju aktar tard stabbilit mill-Awtorità Kompetenti, iżda qabel il-ħruġ ta' ċertifikat.

ADR.OR.B.025 Dimostrazzjoni ta' konformità

- (a) L-operatur tal-ajrudrom għandu:
 - (1) iwettaq u jiddokumenta kull azzjoni, spezzjoni, test, valutazzjoni tas-sigurtà jew eżerċizzju meħtieġ, u għandu juri lill-Awtorità Kompetenti:

- (i) konformità mal-bażi ta' ċertifikazzjoni nnotifikata, l-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni applikabbli għal bidla, kwalunkwe direttiva dwar is-sigurtà, kif ikun xieraq, u r-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu;
 - (ii) li l-ajrudrom, kif ukoll il-limitazzjoni tal-ostakli u l-uċuħ ta' protezzjoni tiegħu u żoni oħra assoċjati mal-ajrudrom, ma jkollhomx karatteristiċi jew fatturi li jagħmluh mhux sigur għall-operat; u
 - (iii) li l-proċeduri tat-titjira tal-ajrudrom ikunu ġew approvati.
- (2) jipprovdi lill-Awtorità Kompetenti, il-mezzi li tkun intweriet konformità bihom; u
- (3) jiddikjara lill-Awtorità Kompetenti l-konformità tiegħu ma' (a)(1).
- (b) L-operatur tal-ajrudrom għandu jżomm għad-dispożizzjoni tal-Awtorità Kompetenti informazzjoni rilevanti dwar id-disinn, inklużi tpinġijiet, spezzjoni, testjar u rapporti rilevanti oħrajn, skont id-dispożizzjonijiet ta' ADR.OR.D.035 u jagħtihom lill-Awtorità Kompetenti meta jiġi mitlub dan.

ADR.OR.B.030 Termini taċ-ċertifikat u privileġġi tad-detentur taċ-ċertifikat

Operatur ta' ajrudrom għandu jikkonforma mal-kamp ta' applikazzjoni u l-privileġġi ddefiniti fit-termini taċ-ċertifikat meħmuż magħhom.

ADR.OR.B.035 Validità kontinwa ta' ċertifikat

- (a) Ċertifikat għandu jibqa' validu jekk:
- (1) l-operatur tal-ajrudrom jibqa' f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu, u li l-ajrudrom jibqa' f'konformità mal-bażi ta' ċertifikazzjoni, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet relatati mal-immaniġġjar tas-sejbiet kif speċifikat skont ADR.OR.C.020;
 - (2) l-Awtorità Kompetenti li tkun ingħatat aċċess għall-organizzazzjoni tal-operatur tal-ajrudrom kif iddefinit f'ADR.OR.C.015 biex tiġi stabbilita konformità kontinwata mar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu; u
 - (3) iċ-ċertifikat ma jiġix ċedut jew revokat.
- (b) Mar-revoka jew iċ-ċediment, iċ-ċertifikat għandu jingħata lura lill-Awtorità Kompetenti mingħajr dewmien.

ADR.OR.B.037 Validità kontinwata ta' dikjarazzjoni ta' fornituri ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa

Dikjarazzjoni li ssir minn fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa skont ADR.OR.B.060 għandha tibqa' valida soġġetta jekk:

- (a) il-fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa u l-faċilitajiet relatati jibqgħu f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet relatati mal-immaniġġjar tas-sejbiet kif speċifikat skont ADR.OR.C.020;
- (b) l-Awtorità Kompetenti li tkun ingħatat aċċess għall-organizzazzjoni tal-operatur tal-ajrudrom kif iddefinit f'ADR.OR.C.015 biex tiġi stabbilita konformità kontinwa mar-

rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu; u

- (c) id-dikjarazzjoni ma tiġix irtirata mill-fornitur ta' dawn is-servizzi jew titneħħilha r-reġistrazzjoni mill-Awtorità Kompetenti.

ADR.OR.B.040 Bidliet

- (a) Kwalunkwe bidlali taffettwa :

- (1) t-termini taċ-ċertifikat, il-bażi ta' ċertifikazzjoni tiegħu u t-tagħmir tal-ajrudrom essenzjali għas-sigurtà; jew
- (2) elementi sinifikanti tas-sistema ta' ġestjoni tal-operatur tal-ajrudrom kif meħtieġ f'ADR.OR.D.005 (b)

għandha tkun teħtieġ approvazzjoni minn qabel mill-Awtorità Kompetenti.

- (b) Għal bidliet oħra li jeħtieġu approvazzjoni minn qabel skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu, l-operatur tal-ajrudrom għandu japplika u jikseb approvazzjoni maħruġa mill-Awtorità Kompetenti.

- (c) L-applikazzjoni għal bidla skont il-paragrafu (a) jew (b), għandha tiġi sottomessa qabel ma ssir din il-bidla, sabiex l-Awtorità Kompetenti tkun tista' tistabbilixxi konformità kontinwata mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu, u biex temenda, jekk ikun meħtieġ, iċ-ċertifikat u t-termini relatati taċ-ċertifikat meħmuż magħha.

Il-bidla għandha tiġi implimentata biss wara li tiġi rċevuta l-approvazzjoni formali mill-Awtorità Kompetenti skont ADR.AR.C.040.

Matul il-bidliet, l-operatur tal-ajrudrom għandu jopera skont il-kudizzjonijiet approvati mill-Awtorità Kompetenti.

- (d) Il-bidliet li ma jkunux jeħtieġu approvazzjoni minn qabel għandhom jiġu ġestiti u nnotifikati lill-Awtorità Kompetenti kif iddefinit fil-proċedura approvata mill-Awtorità Kompetenti skont ADR.AR.C.035(g).

- (e) L-operatur tal-ajrudrom għandu jipprovdi lill-Awtorità Kompetenti Awtorità Kompetenti bid-dokumentazzjoni rilevanti skont il-paragrafu (f) u ADR.OR.E.005.

- (f) Bħala parti mis-sistema ta' ġestjoni kif iddefinit f'ADR.OR.D.005, l-operatur ta' ajrudrom li jipproponi bidla fl-ajrudrom, l-operat tiegħu, l-organizzazzjoni tiegħu jew is-sistema ta' ġestjoni tiegħu għandu:

- (1) jistabbilixxi l-interdipendenzi ma' kwalunkwe parti affettwata, jippjana u jwettaq valutazzjoni tas-sigurtà b'koordinazzjoni ma' dawn l-organizzazzjonijiet;
- (2) jallinja s-suppożizzjonijiet u l-mitigazzjonijiet ma' kwalunkwe parti affettwata, b'mod sistematiku;
- (3) jiżgura valutazzjoni komprensiva tal-bidla inkluż kwalunkwe interazzjoni neċessarja; u
- (4) jiżgura li jiġu stabbiliti u ddokumentati argumenti, evidenza u kriterji ta' sigurtà kompluti u validi, biex tiġi appoġġjata l-valutazzjoni tas-sigurtà, u li l-bidla tappoġġja t-titjib tas-sigurtà kull meta dan ikun raġonevolment prattikabbli.

ADR.OR.B.050 Konformità kontinwa mal-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni tal-Aġenzija

L-operatur ta' ajrudrom, wara emenda tal-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni stabbiliti mill-Aġenzija, għandu:

- (a) iwettaq reviżjoni biex jidentifika kwalunkwe speċifikazzjoni ta' ċertifikazzjoni li hija applikabbli għall-ajrudrom; u
- (b) jekk ikun rilevanti, jibda proċess ta' bidla skont ADR.OR.B.040 u jimplementa l-bidliet meħtieġa fl-ajrudrom.

ADR.OR.B.060 Dikjarazzjoni tal-fornituri ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa

- (a) Il-fornituri ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa li jistgħu jiddikjaraw il-kapaċità u l-mezzi tagħhom għat-tweġiq tar-responsabbiltajiet assoċjati mal-għoti ta' dawn is-servizzi u wara qbil mal-operatur tal-ajrudrom għall-għoti ta' servizzi bħal dawn f'ajrudrom, għandu:
 - (1) jipprovdi lill-Awtorità Kompetenti bl-informazzjoni kollha rilevanti u jiddikjara l-konformità tiegħu mar-rekwiżiti applikabbli kollha tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu, billi juża formula stabbilita mill-Awtorità Kompetenti;
 - (2) jipprovdi lill-Awtorità Kompetenti b'lista tal-mezzi alternattivi ta' konformità użati, skont ADR.OR.A.015(b);
 - (3) iżomm konformità mar-rekwiżiti applikabbli u l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni;
 - (4) jinnotifika lill-Awtorità Kompetenti dwar kwalunkwe bidla fid-dikjarazzjoni tiegħu jew il-mezzi ta' konformità li juża meta jissottometti dikjarazzjoni emendata; u
 - (5) jipprovdi s-servizzi skont il-manwal tal-ajrudrom u jikkonfoma mad-dispożizzjonijiet rilevanti kollha li jkun fih.
- (b) Qabal ma jwaqqaf l-għoti ta' dawn is-servizzi, il-fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa għandu jinnotifika lill-Awtorità Kompetenti u lill-operatur tal-ajrudrom.

ADR.OR.B.065 Tmiem tal-operazzjoni

Operatur li beħsiebu jtemm l-operazzjoni ta' ajrudrom għandu:

- (a) jinnotifika lill-Awtorità Kompetenti malajr kemm jista' jkun;
- (b) jipprovdi din l-informazzjoni lill-fornitur tas-Servizz ta' Informazzjoni Ajrunawtika xieraq;
- (c) jikkonsenja ċ-ċertifikat lill-Awtorità Kompetenti fid-data ta' tmiem tal-operazzjoni; u
- (d) jiżgura li jkunu ttieħdu miżuri xierqa biex jiġi evitat l-użu mhux maħsub tal-ajrudrom mill-inġenju tal-ajru, sakemm l-Awtorità Kompetenti tkun approvat l-użu tal-ajrudrom għal finijiet oħra.

SUBPARTI C – RESPONSABILTAJIET ADDIZZJONALI TAL-OPERATUR TAL-AJRUDROM (ADR.OR.C)

ADR.OR.C.005 Responsabbiltajiet tal-operatur tal-ajrudrom

- (a) L-operatur tal-ajrudrom huwa responsabbli mill-operazzjoni u l-manutenzjoni sigura tal-ajrudrom skont:
- (1) ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu;
 - (2) it-termini taċ-ċertifikat tiegħu;
 - (3) il-kontenut tal-manwal tal-ajrudrom; u
 - (4) kwalunkwe manwal ieħor għat-tagħmir tal-ajrudrom disponibbli fl-ajrudrom, kif ikun applikabbli.
- (b) L-operatur tal-ajrudrom għandu jiżgura:
- (1) l-għoti ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru xierqa għal-livell ta' traffiku u l-kundizzjonijiet operattivi fl-ajrudrom; u
 - (2) id-disinn u l-manutenzjoni tal-proċeduri ta' titjira, skont ir-rekwiżiti applikabbli direttament jew permezz ta' arranġament mal-organizzazzjonijiet li jipprovdu dawn is-servizzi.
- (c) L-Operatur ta' ajrudrom għandu jikkoordina mal-Awtorità Kompetenti biex jiżgura li l-informazzjoni rilevanti għas-sigurtà tal-inġenju tal-ajru tkun inkluża fil-manwal tal-ajrudrom u tiġi ppubblikata fejn xieraq. Dan għandu jinkludi:
- (1) eżenzjonijiet jew derogi mogħtija mir-rekwiżiti applikabbli;
 - (2) id-dispożizzjonijiet li ġie aċċettat livell ta' sigurtà ekwivalenti għalihom mill-Awtorità Kompetenti bħala parti mill-bażi ta' ċertifikazzjoni; u
 - (3) kundizzjonijiet u limitazzjonijiet speċjali fir-rigward tal-użu tal-ajrudrom.
- (d) Jekk tiżviluppa kundizzjoni mhux sigura fl-ajrudrom, l-operatur tal-ajrudrom mingħajr dewmien żejjed għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li daww il-partijiet mill-ajrudrom li jinstabu li jpoġġu f'periklu s-sigurtà ma jintużawx mill-inġenju tal-ajru.

ADR.OR.C.015 Aċċess

Għall-fini li tiġi stabbilita konformità mar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu, operatur ta' ajrudrom jew fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa għandu jagħti aċċess lil kwalunkwe persuna awtorizzata mill-Awtorità Kompetenti, għal:

- (a) kwalunkwe faċilità, dokument, rekord, dejta, proċedura jew materjal rilevanti ieħor għall-attività tiegħu soġġetta għaċ-ċertifikazzjoni jew id-dikjarazzjoni, kemm jekk tkun ikkuntrattata kif ukoll jekk le;
- (b) twettiq jew tkun xhieda ta' kwalunkwe azzjoni, spezzjoni, ittestjar, valutazzjoni jew eżerċizzju li l-Awtorità Kompetenti tqis li huwa meħtieġ.

ADR.OR.C.020 Sejbiet u azzjonijiet korrettivi

Wara l-irċevuta tan-notifika tas-sejbiet, l-operatur tal-ajrudrom jew il-fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa għandu:

- (a) jidentifika l-kawża prinċipali tan-nuqqas ta' konformità;
- (b) jiddefinixxi pjan ta' azzjoni korrettiva; u
- (c) juri l-implimentazzjoni tal-azzjoni korrettiva għas-sodisfazzjon tal-Awtorità Kompetenti fil-limiti tal-perjodu maqbul ma dik l-awtorità kif iddefinit f'ADR.AR.C.055(d).

ADR.OR.C.025 Reazzjoni immedjata għal problema tas-sigurtà – konformità mad-direttivi dwar is-sigurtà

L-operatur ta' ajrudrom jew fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa għandu jimplementa kwalunkwe miżura ta' sigurtà, inkluż direttivi dwar is-sigurtà, li ngħata mandat għalihom mill-Awtorità Kompetenti skont ADR.AR.A.030(c) u ADR.AR.A.040.

ADR.OR.C.030 Rappurtar tal-okkorrenzi

- (a) L-operatur tal-ajrudrom u l-fornitur tas-servizzi ta' ġestjoni tar-rampa għandhom jirrapportaw lill-Awtorità Kompetenti, u lil kwalunkwe organizzazzjoni oħra meħtieġa mill-Istat fejn ikun jinsab l-ajrudrom, kwalunkwe aċċident, inċident serju u okkorrenza kif iddefinit fir-Regolament (UE) Nru 996/2010⁴ u d-Direttiva 2003/42/KE⁵.
- (b) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu (a), l-operatur għandu jirrapporta lill-Awtorità Kompetenti u lill-organizzazzjoni responsabbli mid-disinn tat-tagħmir tal-ajrudrom, kwalunkwe ħsara, difett tekniku, qbiż tal-limitazzjonijiet tekniċi, okkorrenza jew ċirkustanza rregolari oħra li tista' jew li tkun poġġiet f'periklu s-sigurtà u li ma rriżultatx f'aċċident jew inċident serju.
- (c) Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 996/2010 u d-Direttiva 2003/42/KE, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1321/2007⁶ u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1330/2007⁷ ir-rapporti msemmija fil-paragrafi (a) u (b) għandhom isiru f'għamla u b'mod stabbilit mill-Awtorità Kompetenti u jkun fihom l-informazzjoni kollha pertinenti dwar il-kundizzjoni magħrufa mill-operatur tal-ajrudrom jew il-fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa.
- (d) Malli jista' jkun għandhom isiru rapporti, iżda fi kwalunkwe każ fi żmien 72 siegħa minn meta l-operatur tal-ajrudrom jew il-fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa jidentifikaw l-kundizzjoni li r-rapport huwa relatat magħha, sakemm ċirkustanzi ta' eċċezzjoni ma jkunux jipprevjenu dan.
- (e) Fejn ikun rilevanti, l-operatur tal-ajrudrom jew il-fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa għandu jipproduċi rapport ta' segwitu biex jipprovdi d-dettalji tal-azzjonijiet li beħsiebu jieħu biex jipprevjeni okkorrenzi simili fil-futur, hekk kif dawn l-azzjonijiet ikunu

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 35).

⁵ Id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2003 dwar ir-rappurtar tal-okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili (ĠU L 167, 4.7.2003, p. 23).

⁶ ĠU L 294, 13.11.2007, p. 3.

⁷ ĠU L 295, 14.11.2007, p. 7.

għew identifikati. Dan ir-rapport għandu jiġi prodott fl-għamla u b'mod stabbilit mill-Awtorità Kompetenti.

ADR.OR.C.040 Prevenzjoni ta' nirien

L-operatur ta' ajrudrom għandu jistabbilixxi u jimplementa proċeduri biex jipprojbixxi:

- (a) it-tipjip fiż-żona ta' moviment, f'żoni operattivi oħra tal-ajrudrom, jew f'żoni tal-ajrudrom fejn jinħażen il-karburant jew materjal fjamabbli ieħor;
- (b) il-wiri ta' fjamma mikxufa jew twettiq ta' attività, li toħloq periklu ta' nar fi:
 - (1) żoni tal-ajrudrom fejn jinħażen karburant jew materjal fjamabbli ieħor;
 - (2) iż-żona ta' moviment jew żoni operattivi tal-ajrudrom, sakemm ma jkunx awtorizzat mill-operatur tal-ajrudrom.

ADR.OR.C.045 Użu ta' alkoħol, sustanzi psikoattivi u mediċini

- (a) L-Operatur ta' ajrudrom għandu jistabbilixxi u jippromulga politika li tiddikjara r-rekwiżiti dwar il-konsum tal-alkoħol, is-sustanzi psikoattivi u l-mediċini minn:
 - (1) persunal involut fl-operazzjoni, is-salvataġġ u t-tifi tan-nar u l-manutenzjoni tal-ajrudrom; u
 - (2) persuni waħedhom li joperaw fuq iż-żona ta' moviment jew żoni operattivi oħra tal-ajrudrom.
- (b) Din il-politika għandha tinkludi r-rekwiżiti li dawn il-persuni:
 - (1) ma għandhomx jikkunsmaw alkoħol matul il-perjodu ta' ħidma tagħhom; u
 - (2) ma għandhomx iwettqu l-ebda ħidma taħt l-influenza:
 - (i) tal-alkoħol, jew kwalunkwe sustanza psikoattiva; jew
 - (ii) kwalunkwe mediċina li jista' jkollha effett fuq il-kapaċitajiet tiegħu/tagħha b'mod ħażin għas-sigurtà.

SUBPARTI D – ĠESTJONI (ADR.OR.D)

ADR.OR.D.005 Sistema ta' ġestjoni

- (a) L-operatur tal-ajrudrom għandu jimplimenta u jżomm sistema ta' ġestjoni li tintegra sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà.
- (b) Is-sistema ta' ġestjoni għandha tinkludi:
 - (1) linji ta' responsabbiltà ddefiniti b'mod ċar u kontabbiltà madwar l-operatur tal-ajrudrom, inkluż kontabbiltà diretta għas-sigurtà min-naħa tal-maniġment superjuri;
 - (2) deskrizzjoni tal-filosofiji u l-prinċipji ġenerali tal-operatur tal-ajrudrom fir-rigward tas-sigurtà, imsejja l-politika dwar is-sigurtà, iffirmata mill-manigjer responsabbli;
 - (3) proċess formali li jiżgura li jiġu identifikati l-perikli fl-operazzjonijiet;
 - (4) proċess formali li jiżgura analiżi, valutazzjoni u mitigazzjoni tar-riskji marbuta mal-operazzjonijiet tal-ajrudromi;
 - (5) il-mezzi biex tiġi vverifikata l-prestazzjoni tas-sigurtà tal-organizzazzjoni tal-operatur tal-ajrudrom b'referenza għall-indikaturi tal-prestazzjoni tas-sigurtà u l-miri tal-prestazzjoni tas-sigurtà tas-sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà, u biex tiġi vvalidata l-effikaċja tal-kontrolli tar-riskju għas-sigurtà;
 - (6) proċess formali biex:
 - (i) jiġu identifikati l-bidliet fl-organizzazzjoni tal-operatur tal-ajrudrom, is-sistema ta' ġestjoni, l-ajrudrom jew l-operat tiegħu li jistgħu jaffettwaw il-proċessi, il-proċeduri u s-servizzi stabbiliti;
 - (ii) jiġu deskritti l-arranġamenti biex tiġi żgurata l-prestazzjoni tas-sigurtà qabel il-bidliet implimentattivi;
 - (iii) jiġu eliminati jew immodifikati l-kontrolli tar-riskju għas-sigurtà li ma għadhomx meħtieġa jew effettivi minħabba l-bidliet fl-ambjent operattiv;
 - (7) proċessi formali biex tiġi riveduta s-sistema ta' ġestjoni msemmija f'paragrafu (a), jiġu identifikati l-kawżi tal-prestazzjoni substandard tas-sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà, jiġu stabbiliti l-implikazzjonijiet ta' din il-prestazzjoni substandard fl-operazzjonijiet, u jiġu eliminati jew immitigati dawn il-kawżi;
 - (8) programm ta' taħriġ fis-sigurtà li jiżgura li l-persunal involut fl-operazzjoni, is-salvataġġ u t-tifi tan-nar, il-manutenzjoni u l-ġestjoni tal-ajrudrom, ikun imħarreġ u kompetenti biex iwettaq id-dmirijiet relatati mas-sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà;
 - (9) mezzi formali għall-komunikazzjoni tas-sigurtà li tiżgura li l-persunal huwa konxju b'mod sħiħ dwar is-sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà, iwassal informazzjoni essenzjali dwar is-sigurtà, u jispjega għaliex jittieħdu azzjonijiet partikolari dwar is-sigurtà u għaliex jiġu introdotti jew mibdula proċeduri tas-sigurtà;
 - (10) koordinazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà mal-pjan ta' rispons għall-emerġenza tal-ajrudrom; u koordinazzjoni tal-pjan ta' rispons għall-emerġenza tal-ajrudrom mal-pjanijiet ta' rispons għall-emerġenza ta' dawk l-organizzazzjonijiet li għandha tinterfaċċja magħhom matul l-għoti tas-servizzi tal-ajrudrom;
 - (11) proċess formali biex tiġi sorveljata l-konformità tal-organizzazzjoni mar-rekwiżiti rilevanti u l-adegwatezza tal-proċeduri.

- (c) L-operatur tal-ajrudrom għandu jiddokumenta l-proċessi ewlenin kollha tas-sistema ta' ġestjoni.
- (d) Is-sistema ta' ġestjoni għandha tkun proporzjonata għad-daqs tal-organizzazzjoni u l-attivitajiet tagħha, filwaqt li jitqiesu l-perikli u r-riskji assoċjati li huma inerenti f'dawn l-attivitajiet.
- (e) Fil-każ li l-operatur tal-ajrudrom għandu wkoll ċertifikat biex jipprovdi servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru, għandu jiżgura li s-sistema ta' ġestjoni tkopri l-attivitajiet kollha li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni taċ-ċertifikati tiegħu.

ADR.OR.D.007 Ġestjoni tad-dejta ajrunawtika u informazzjoni ajrunawtika

- (a) Bħala parti mas-sistema ta' ġestjoni tiegħu, l-operatur ta' ajrudrom għandu jimplementa u jżomm sistema ta' ġestjoni tal-kwalità li tkopri:
 - (1) l-attivitajiet tad-dejta ajrunawtika tiegħu; u
 - (2) l-attivitajiet ta' għoti ta' informazzjoni ajrunawtika tiegħu.
- (b) L-operatur ta' ajrudrom għandu jiddefinixxi proċeduri biex jiġu sodisfatti l-oġettivi ta' ġestjoni tas-sigurtà u s-sikurezza fir-rigward ta':
 - (1) l-attivitajiet tad-dejta ajrunawtika tiegħu; u
 - (2) l-attivitajiet ta' għoti ta' informazzjoni ajrunawtika.

ADR.OR.D.010 Attivitajiet ikkuntrattati

- (a) L-attivitajiet ikkuntratti jinkludu l-attivitajiet kollha li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-operatur tal-ajrudrom skont it-termini taċ-ċertifikat li jitwettqu minn organizzazzjonijiet oħra li ċertifika hu stess biex iwettqu attività bħal din jew jekk ma jkunux iċċertifikati, jaħdmu skont l-approvazzjoni tal-operatur tal-ajrudrom. L-operatur tal-ajrudrom għandu jiżgura li meta jikkuntratta jew jixtri xi parti mill-attività tiegħu, is-servizz jew it-tagħmir ikkuntrattat jew mixtri jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli.
- (b) Meta operatur tal-ajrudrom jikkuntratta xi parti mill-attività tiegħu lil organizzazzjoni li mhijiex hi stess iċċertifikata skont din il-Parti biex twettaq din l-attività, l-organizzazzjoni kkontrattata għandha taħdem skont l-approvazzjoni u s-sorveljanza tal-operatur tal-ajrudrom. L-operatur tal-ajrudrom għandu jiżgura li l-Awtorità Kompetenti tingħata aċċess għall-organizzazzjoni kkontrattata, biex jistabbilixxi konformità kontinwa mar-rekwiżiti applikabbli.

ADR.OR.D.015 Rekwiżiti tal-persunal

- (a) L-operatur tal-ajrudrom għandu jaħtar maniġer responsabbli, li għandu l-awtorità biex jiżgura li l-attivitajiet kollha jkun jistgħu jiġu ffinanzjati u mwettqa skont ir-rekwiżiti applikabbli. Il-maniġer responsabbli għandu jkun responsabbli biex jistabbilixxi u jżomm sistema ta' ġestjoni effettiva.
- (b) L-operatur tal-ajrudrom għandu jaħtar persuni responsabbli mill-ġestjoni u s-superviżjoni taż-żoni li ġejjin:
 - (1) servizzi operattivi tal-ajrudrom; u
 - (2) manutenzjoni tal-ajrudrom.
- (c) L-operatur tal-ajrudrom għandu jaħtar persuna jew grupp ta' persuni responsabbli mill-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-ġestjoni ta' kuljum tas-sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà.

Dawk il-persuni għandhom jaġixxu b'mod indipendenti mill-manigġers l-oħra fi ħdan l-organizzazzjoni, għandu jkollhom aċċess dirett għall-manigġer responsabbli u għal ġestjoni xierqa għal kwistjonijiet tas-sigurtà u għandhom ikunu responsabbli lejn il-manigġer responsabbli.

- (d) L-operatur tal-ajrudrom għandu jkollu persunal suffiċjenti u kkwalifikat għall-kompiti u l-attivitajiet ippjanati li għandhom jitwettqu skont ir-rekwiżiti applikabbli.
- (e) L-operatur tal-ajrudrom għandu jalloka numru suffiċjenti ta' superviżuri tal-persunal għal kompiti u r-responsabbiltajiet iddefiniti, filwaqt li jitqiesu l-istruttura tal-organizzazzjoni u n-numru ta' persunal impjegat.
- (f) L-operatur tal-ajrudrom għandu jiżgura li l-persunal involut fl-operat, il-manutenzjoni u l-ġestjoni tal-ajrudrom ikunu mħarrġa b'mod xieraq skont il-programm ta' taħriġ.

ADR.OR.D.017 Programmi ta' verifika tat-taħriġ u l-profiċjenza

- (a) L-operatur tal-ajrudrom għandu jistabbilixxi u jimplimenta programm ta' taħriġ għall-persunal involut fl-operat, fil-manutenzjoni u l-ġestjoni tal-ajrudrom.
- (b) L-operatur tal-ajrudrom għandu jiżgura li persuni mhux akkumpanjati li jkunu qed jaħdmu fiż-żona ta' moviment jew f'żoni operattivi oħra tal-ajrudrom ikunu mħarrġa b'mod adegwat.
- (c) L-operatur tal-ajrudrom għandu jiżgura li l-persuni msemmija f'(a) u (b) hawn fuq ikunu wrew il-kapaċitajiet tagħhom fil-prestazzjoni tal-kompiti assenjati lilhom permezz ta' verifika ta' profiċjenza f'intervalli adegwati biex jiżgura kompetenza kontinwa.
- (d) L-operatur tal-ajrudrom għandu jiżgura li:
 - (1) jintużaw strutturi u assessuri kkwalifikati u b'esperjenza xierqa għall-implimentazzjoni tal-programm ta' taħriġ; u
 - (2) jintużaw faċilitajiet u mezzi xierqa għall-għoti tat-taħriġ.
- (e) L-operatur tal-ajrudrom għandu:
 - (1) iżomm rekords xierqa ta' verifika tal-profiċjenza, it-taħriġ u l-kwalifika biex tintwera l-konformità ma' dan ir-rekwiżit;
 - (2) fuq talba, iqiegħed dawn ir-rekords disponibbli għall-persunal ikkonċernat tiegħu; u
 - (3) jekk persuna hija impjegata minn impjegatur ieħor, fuq talba, iqiegħed dawn ir-rekords disponibbli għal dak l-impjegatur il-ġdid.

ADR.OR.D.020 Rekwiżiti ta' faċilitajiet

- (a) L-operatur tal-ajrudrom għandu jiżgura li huma disponibbli faċilitajiet adegwati u xierqa għall-persunal tiegħu jew il-persunal impjegat minn partijiet li għandu kuntratt magħhom għall-għoti ta' servizzi ta' manutenzjoni u operattivi tal-ajrudrom.
- (b) L-operatur tal-ajrudrom għandu jagħżel żoni xierqa mill-ajrudrom li għandhom jintużaw għall-ħażna ta' oġġetti perikolużi ttrasportati permezz tal-ajrudrom, skont l-Istruzzjonijiet Tekniċi.

ADR.OR.D.025 Koordinazzjoni ma' organizzazzjonijiet oħra

L-operatur tal-ajrudrom għandu:

- (a) jiżgura li s-sistema ta' ġestjoni tal-ajrudrom tkun tindirizza l-koordinazzjoni u l-interfaċċja mal-proċeduri tas-sigurtà ta' organizzazzjonijiet oħra li joperaw jew jipprovdu servizzi fl-ajrudrom;
- (b) jiżgura li dawn l-organizzazzjonijiet ikollhom fis-seħħ proċeduri tas-sigurtà biex jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu u r-rekwiżiti stabbiliti fil-manwal tal-ajrudrom.

ADR.OR.D.027 Programmi tas-sigurtà

L-operatur tal-ajrudrom għandu:

- (a) jistabbilixxi, imexxi u jimplimenta programmi biex jippromowovi s-sigurtà u l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għas-sigurtà; u
- (b) jitlob li l-organizzazzjonijiet li joperaw jew li jipprovdu s-servizzi fl-ajrudrom ikunu involuti f'dawn il-programmi.

ADR.OR.D.030 Sistema ta' rappurtar tas-sigurtà

- (a) L-operatur tal-ajrudrom għandu jistabbilixxi u jimplimenta sistema ta' rappurtar tas-sigurtà li għall-persunal u l-organizzazzjonijiet kollha li joperaw jew li jipprovdu servizzi fl-ajrudrom, sabiex tiġi promossa s-sigurtà fl-ajrudrom u l-użu sigur tiegħu.
- (b) L-operatur tal-ajrudrom, skont ADR.OR.D.005 (b)(3), għandu:
 - (1) jitlob li l-persunal u l-organizzazzjonijiet imsemmija f'paragrafu (a) jużaw is-sistema ta' rappurtar tas-sigurtà għar-rappurtar obbligatorju ta' kwalunkwe aċċident, inċident serju jew okkorrenza;
 - (2) jiżgura li s-sistema ta' rappurtar tas-sigurtà tkun tista' tintuża għar-rappurtar volontarju ta' kwalunkwe difett, ħsara u periklu għas-sigurtà li jistgħu jħallu impatti fuq is-sigurtà.
- (c) Is-sistema ta' rappurtar tas-sigurtà għandha tipproteġi l-identità ta' min jagħmel ir-rapport, tkegġeg ir-rappurtar volontarju u tinkludi l-possibbiltà li r-rapporti jkunu jistgħu jiġu sottomessi b'mod anonimu.
- (d) L-operatur tal-ajrudrom għandu:
 - (1) jirreġistra r-rapporti kollha sottomessi;
 - (2) janalizza u jivvaluta r-rapporti, kif ikun xieraq, sabiex jindirizza n-nuqqasijiet fis-sigurtà u jidentifika x-xejriet;
 - (3) jiżgura li l-organizzazzjonijiet kollha li joperaw jew jipprovdu s-servizzi fl-ajrudrom li huma rilevanti għat-tħassib relatat mas-sigurtà, jipparteċipaw fl-analiżi ta' dawn ir-rapporti u li kwalunkwe miżura korrettiva u/jew preventiva identifikata tiġi implimentata;
 - (4) iwettaq investigazzjonijiet tar-rapporti, kif ikun xieraq; u
 - (5) iżomm lura milli jagħti ftija skont il-prinċipji tal-"kultura biss".

ADR.OR.D.035 Żamma tar-rekords

- (a) L-operatur tal-ajrudrom għandu jistabbilixxi sistema xierqa ta' żamma tar-rekords, li tkopri l-attivitajiet kollha mwettqa skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu.
- (b) Il-format tar-rekords għandu jiġi speċifikat fil-manwal tal-ajrudrom.
- (c) Ir-rekords għandhom jinħażnu b'mod li jiżgura l-protezzjoni mill-ħsara, it-tibdil u s-serq.
- (d) Ir-rekords għandhom jinżammu għal minimu ta' ħames snin, ħlief ir-rekords ta' hawn taħt li għandhom jinżammu kif ġej:
 - (1) il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tal-ajrudrom, il-mezzi alternattivi ta' konformità li jkunu qegħdin jintużaw u l-ajrudrom attwali jew iċ-ċertifikat(i) tal-operatur tal-ajrudromi, għat-tul taż-żmien taċ-ċertifikat;
 - (2) l-arranġamenti ma' organizzazzjonijiet oħra, sakemm ikunu fis-seħħ dawn l-arranġamenti;
 - (3) manwali tat-tagħmir jew is-sistemi tal-ajrudrom imħaddma fl-ajrudrom, sakemm dawn jintużaw fl-ajrudrom;
 - (4) rapporti dwar il-valutazzjoni tas-sigurtà għat-tul ta' ħajja tas-sistema/il-proċedura/l-attività;
 - (5) it-taħriġ tal-persunal, il-kwalifiki, ir-rekords mediċi kif ukoll il-verifiki tal-profiċjenza, kif ikun xieraq, għal tal-anqas erba' snin wara t-tmiem tal-impjieg, jew sakemm il-qasam tal-impjieg tagħhom ikun ġie vverifikat mill-Awtorità Kompetenti;
 - (6) il-verżjoni attwali tar-reġistru tal-perikli.
- (e) Ir-rekords kollha għandhom ikunu soġġetti għal-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta.

SUBPARTI E – MANWAL U DOKUMENTAZZJONI TAL-AJRUDROM (ADR.OR.E)

ADR.OR.E.005 Manwal tal-ajrudrom

- (a) L-operatur tal-ajrudrom għandu jistabbilixxi u jżomm manwal tal-ajrudrom.
- (b) Il-kontenut tal-manwal tal-ajrudrom għandu jirrifletti l-bażi taċ-ċertifikazzjoni u r-rekwiżiti stabbiliti f'din il-Parti u f'Parti-ADR.OPS, kif ikun applikabbli, u ma għandux jikser it-termini taċ-ċertifikat. Il-manwal tal-ajrudrom għandu jkun fih jew jagħmel referenza għall-informazzjoni kollha meħtieġa għall-użu, l-operat u l-manutenzjoni sigura tal-ajrudrom, it-tagħmir tiegħu, kif ukoll il-limitazzjoni tal-ostakli u l-wċuħ ta' protezzjoni tiegħu u żoni oħra assoċjati mal-ajrudrom.
- (c) Il-manwal tal-ajrudrom jista' jinħareġ f'partijiet separati.
- (d) L-Operatur ta' ajrudrom għandu jiżgura li l-persunal tal-ajrudrom kollu u kull persunal tal-organizzazzjoni rilevanti ieħor ikollu aċċess għall-partijiet mill-manwal tal-ajrudrom li huma rilevanti għall-kompiti u r-responsabbiltajiet tiegħu u jintgħamel konxju dwar kwalunkwe bidla li tkun rilevanti għall-kompiti tiegħu.
- (e) L-operatur tal-ajrudrom għandu:
 - (1) iforni lill-Awtorità Kompetenti bl-emendi u r-reviżjonijiet maħsuba fil-manwal tal-ajrudrom, għal punti li jkunu jeħtieġu approvazzjoni minn qabel skont ADR.OR.B.040, bil-quddiem mid-data effettiva u jiżgura li ma jidħlux fis-seħħ qabel ma jikseb l-approvazzjoni tal-Awtorità Kompetenti; jew
 - (2) iforni lill-Awtorità Kompetenti bl-emendi u r-reviżjonijiet maħsuba tal-manwal tal-ajrudrom bil-quddiem mid-data effettiva, jekk l-emenda jew ir-reviżjoni proposta tal-manwal tal-ajrudrom tkun teħtieġ biss notifika lill-Awtorità Kompetenti skont ADR.OR.B.040(d) u ADR.OR.B.015(b).
- (f) Minkejja paragrafu (e), meta jkunu meħtieġa emendi jew reviżjonijiet fl-interess tas-sigurtà, dawn jistgħu jiġu ppubblikati u applikati minnufih, sakemm tkun saret applikazzjoni għal kull approvazzjoni meħtieġa.
- (g) L-operatur tal-ajrudrom għandu:
 - (1) jirrevedi l-kontenut tal-manwal tal-ajrudrom, jiżgura li huwa aġġornat u emendat kull meta jkun meħtieġ;
 - (2) jinkorpora l-emendi u r-reviżjonijiet kollha meħtieġa mill-Awtorità Kompetenti; u
 - (3) jagħmlu lill-persunal tal-ajrudrom kollu u lil organizzazzjonijiet rilevanti oħra konxji dwar il-bidliet li huma rilevanti għall-kompiti tagħhom.
- (h) L-operatur tal-ajrudrom għandu jiżgura li kwalunkwe informazzjoni meħuda minn dokumenti approvati oħra, u kwalunkwe emenda tagħhom, tkun riflessa b'mod korrett fil-manwal tal-ajrudrom. Dan ma jipprevenix lill-operatur tal-ajrudrom milli jippubblika aktar dejta u proċeduri konservattivi fil-manwal tal-ajrudrom.
- (i) L-operatur tal-ajrudrom għandu jiżgura li:
 - (1) il-manwal tal-ajrudrom ikun miktub b'lingwa aċċettabbli mill-Awtorità Kompetenti; u
 - (2) il-persunal kollu jkun jista' jaqra u jifhem il-lingwa li jkunu miktubin bih dawk il-partijiet mill-manwal tal-ajrudrom u dokumenti operattivi oħra relatati mal-kompiti u r-responsabbiltajiet tiegħu.

- (j) L-operatur tal-ajrudrom għandu jiżgura li l-manwal tal-ajrudrom:
 - (1) ikun iffirmit mill-maniġer responsabbli mill-ajrudrom;
 - (2) ikun stampat jew f'format elettroniku u faċli biex jiġi rivedut;
 - (3) ikollu sistema għall-ġestjoni tal-kontroll tal-verżjoni li tiġi applikata u viżibbli fil-manwal tal-ajrudrom; u
 - (4) josserva l-prinċipji tal-fatturi umani u jkun organizzat b'tali mod li jiffaċilita t-tnejja, l-użu u r-reviżjoni tiegħu.
- (l) L-operatur tal-ajrudrom għandu jżomm tal-anqas kopja waħda kompluta u attwali tal-manwal tal-ajrudrom fl-ajrudrom u jqiegħdha disponibbli biex tiġi spezzjonata mill-Awtorità Kompetenti.
- (m) Il-kontenut tal-manwal tal-ajrudrom għandu jkun kif ġej:
 - (1) Ġenerali;
 - (2) Rekwiżiti għas-sistema ta' ġestjoni tal-ajrudrom, kwalifiki u taħriġ;
 - (3) Dettalji dwar is-sit tal-ajrudrom;
 - (4) Dettalji dwar l-ajrudrom meħtieġa li jiġu rrapportati mis-Servizzi ta' Informazzjoni Ajrudrom; u
 - (5) Dettalji dwar il-proċeduri operattivi tal-ajrudrom, it-tagħmir u l-miżuri tas-sigurtà tiegħu.

ADR.OR.E.010 Rekwiżiti ta' dokumentazzjoni

- (a) L-operatur tal-ajrudrom għandu jiżgura d-disponibbiltà ta' kwalunkwe dokumentazzjoni oħra meħtieġa u l-emendi assoċjati.
- (b) L-operatur tal-ajrudrom għandu jkun kapaċi jgħassam l-istruzzjonijiet operattivi u informazzjoni oħra rilevanti mingħajr dewmien.

ANNESS III

Rekwiżiti tal-Operazzjonijiet ta' Parti - Ajrudromi (Parti ADR.OPS)

SUBPARTI A — DEJTA TAL-AJRUDROM (ADR.OPS.A)

ADR.OPS.A.005 Dejta tal-ajrudrom

L-operatur tal-ajrudrom għandu:

- (a) jistabbilixxi, jiddokumenta u jżomm dejta rilevanti għall-ajrudrom u s-servizzi disponibbli;
- (b) jipprovdi dejta rilevanti għall-ajrudrom u s-servizzi disponibbli għall-utenti u s-servizzi tat-traffiku tal-ajru u l-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika rilevanti, kif ikun xieraq.

ADR.OPS.A.010 Rekwiżiti tal-kwalità tad-dejta

L-operatur tal-ajrudrom għandu jkollu arranġamenti formali mal-organizzazzjonijiet li jiskambja dejta ajrunawtika u/jew informazzjoni ajrunawtika magħhom.

- (a) Kull dejta rilevanti għall-ajrudrom u s-servizzi disponibbli għandha tiġi pprovduta mill-operatur tal-ajrudrom bil-kwalità u l-integrità meħtieġa.
- (b) Meta tiġi ppubblikata dejta rilevanti għall-ajrudrom u s-servizzi disponibbli, l-operatur tal-ajrudrom għandu:
 - (1) jissorvelja d-dejta rilevanti għall-ajrudrom u s-servizzi disponibbli li joriġinaw mill-operatur tal-ajrudrom u promulgata mill-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u l-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika rilevanti;
 - (2) jinnotifika lill-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika rilevanti dwar kwalunkwe bidla biex tiġi żgurata dejta korretta u kompluta rilevanti għall-ajrudrom u s-servizzi disponibbli, li tkun toriġina mill-operatur tal-ajrudrom;
 - (3) jinnotifika lill-fornituri ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru u l-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika rilevanti meta d-dejta ppubblikata li tkun toriġina mill-operatur tal-ajrudrom ma tkunx korretta u xierqa.

ADR.OPS.A.015 Koordinazzjoni bejn l-operaturi tal-ajrudromi u l-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika

- (a) Biex jiġi żgurat li l-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika jiksbu informazzjoni li tippermettilhom jipprovdu informazzjoni aġġornata ta' qabel it-titjira u biex jissodisfaw il-ħtieġa li jipprovdu informazzjoni matul it-titjira, l-operatur tal-ajrudrom għandu jagħmel arranġamenti biex jirrapporta lill-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika rilevanti, bl-anqas dewmien possibbli, dan li ġej:
 - (1) informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-ajrudrom, is-sistemi għat-tneħħija ta' inġenju tal-ajru diżattivat, is-salvataġġ u t-tifi tan-nar u l-indikatur tal-inklinazzjoni matul l-avviċinament viżwali;
 - (2) l-istatus operattiv tal-faċilitajiet assoċjati, is-servizzi u l-għajnuniet navigazzjonali fl-ajrudrom;
 - (3) kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa bħala ta' sinifikat operattiv.

- (b) Qabel l-introduzzjoni ta' bidliet fis-sistema ta' navigazzjoni tal-ajru, l-operatur tal-ajrudrom għandu jqis il-ħin meħtieġ mis-servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika rilevanti għat-tnejn, il-produzzjoni u l-ħruġ ta' materjal rilevanti għall-promulgazzjoni.

SUBPARTI B – SERVIZZI OPERATTIVI, TAGĦMIR U INSTALLAZZJONIJIET TAL-AJRUDROM (ADR.OPS.B)

ADR.OPS.B.001 Għoti ta' servizzi

Is-servizzi skont is-Subparti B ta' dan l-Anness għandhom jingħataw fl-ajrudrom mill-operatur tal-ajrudrom b'mod dirett jew indirett.

ADR.OPS.B.005 Ippjanar ta' emerġenza għall-ajrudrom

L-operatur tal-ajrudrom għandu jkollu u jimplimenta pjan ta' emerġenza għall-ajrudrom li:

- (a) ikun proporzjonat mal-operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru u attivitajiet oħra mwettqa fl-ajrudrom;
- (b) jipprevedi l-koordinazzjoni ta' organizzazzjonijiet xierqa b'rispons għal emerġenza li ssejtn f'ajrudrom jew fil-madwar tiegħu;
- (c) ikun fih proċeduri għall-ittestjar perjodiku tal-adegwatezza tal-pjan u għar-reviżjoni tar-riżultati sabiex tittejjeb l-effikaċja tiegħu.

ADR.OPS.B.010 Servizzi ta' salvataġġ u tifi tan-nar

- (a) L-operatur tal-ajrudrom għandu jiżgura li:
 - (1) ikunu pprovduti servizzi, tagħmir u faċilitajiet ta' salvataġġ u tifi tan-nar għall-ajrudrom;
 - (2) kunu disponibbli għal rispons immedjat, tagħmir xieraq, aġenti għat-tifi tan-nar u persunal suffiċjenti fil-ħin;
 - (3) il-persunal għas-salvataġġ u t-tifi tan-nar ikun imħarregġ, ekwipaġġat u kkwalfikat kif xieraq biex jaħdem fl-ambjent tal-ajrudrom;
 - (4) il-persunal għas-salvataġġ u t-tifi tan-nar li jkun potenzjalment meħtieġ biex jaġixxi f'emerġenzi tal-avjazzjoni juri stat ta' saħħa tajjeb biex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu b'mod sodisfaċjenti, filwaqt li titqies it-tip ta' attività.
- (b) L-operatur tal-ajrudrom għandu jistabbilixxi u jimplimenta programm ta' taħriġ għall-persuni involuti fis-servizzi ta' salvataġġ u tifi tan-nar tal-ajrudrom;
- (c) L-operatur tal-ajrudrom għandu jimplimenta verifika ta' profiċjenza f'intervalli xierqa biex jiżgura kompetenza kontinwa;
- (d) L-operatur tal-ajrudrom għandu jiżgura li:
 - (1) jintużaw strutturi u assessuri kkwalfikati u b'esperjenza xierqa għall-implimentazzjoni tal-programm ta' taħriġ; u;
 - (2) jintużaw faċilitajiet u mezzi xierqa għall-għoti tat-taħriġ.
- (e) L-operatur tal-ajrudrom għandu:
 - (1) iżomm rekords xierqa ta' verifika tal-profiċjenza, it-taħriġ u l-kwalifika biex tintwera l-konformità ma' dan ir-rekwiżit;
 - (2) fuq talba, iqiegħed dawn ir-rekords disponibbli għall-persunal ikkonċernat tiegħu; u

- (3) jekk persuna hija impjegata minn impjegatur ieħor, fuq talba, iqiegħed dawn ir-rekords ta' din il-persuna disponibbli għal dak l-impjegatur il-ġdid.
- (f) Tnaqqis temporanju fil-livell ta' protezzjoni tas-servizzi ta' salvataġġ u tifi tan-nar tal-ajrudrom, minħabba ċirkustanzi mhux xierqa, ma jeħtieġx approvazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti.

ADR.OPS.B.015 Sorveljanza u spezzjoni taż-żona ta' moviment u faċilitajiet relatati

- (a) L-operatur tal-ajrudrom għandu jissorvelja l-kundizzjoni taż-żona ta' moviment u l-istat operattiv ta' faċilitajiet relatati u jirrapporta dwar kwistjonijiet ta' importanza operattiva, kemm ta' natura temporanja kif ukoll permanenti, lill-fornituri ta' servizzi ta' traffiku tal-ajru u lill-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika rilevanti;
- (b) L-operatur tal-ajrudrom għandu jwettaq spezzjonijiet regolari taż-żona ta' moviment u tal-faċilitajiet relatati tagħha.

ADR.OPS.B.020 Tnaqqis fil-periklu ta' attakki minn animali salvaġġi

L-operatur tal-ajrudrom għandu:

- (a) jivvaluta l-periklu minn animali salvaġġi għall-ajrudrom u l-madwar tiegħu;
- (b) jistabbilixxi mezzi u proċeduri biex inaqqas ir-riskju ta' ħbit bejn animali salvaġġi u inġenji tal-ajru, fl-ajrudrom;
- (c) jinnotifika lill-awtorità xierqa jekk valutazzjoni dwar l-animali salvaġġi tindikax kundizzjonijiet fil-madwar tal-ajrudrom li jistgħu jwasslu għal problema ta' periklu mill-animali salvaġġi.

ADR.OPS.B.025 Tħaddim ta' vetturi

L-operatur tal-ajrudrom għandu jistabbilixxi u jimplementa proċeduri għat-taħriġ, il-valutazzjoni u l-awtorizzazzjoni tas-sewwieqa kollha li jkunu qegħdin jaħdmu fiż-żona ta' moviment.

ADR-OPS.B.030 Sistema ta' kontroll u gwida għall-moviment fuq il-wiċċ

L-operatur tal-ajrudrom għandu jiżgura li fl-ajrudrom tiġi pprovduta sistema ta' kontroll u gwida għall-moviment fuq il-wiċċ.

ADR.OPS.B.035 Operazzjonijiet f'kundizzjonijiet xitwin

L-operatur tal-ajrudrom għandu jiżgura li jiġu stabbiliti u implimentati mezzi u proċeduri biex jiġu pprovduti kundizzjonijiet ta' sigurtà għal operazzjonijiet tal-ajrudrom f'kundizzjonijiet xitwin.

ADR.OPS.B.040 Operazzjonijiet billejl

L-operatur tal-ajrudrom għandu jiżgura li jiġu stabbiliti u implimentati mezzi u proċeduri biex jiġu pprovduti kundizzjonijiet ta' sigurtà għal operazzjonijiet tal-ajrudrom matul il-lejl.

ADR.OPS.B.045 Operazzjonijiet f'viżibbiltà baxxa

- (a) L-operatur tal-ajrudrom għandu jiżgura li jiġu stabbiliti u implimentati mezzi u proċeduri biex jiġu pprovduti kundizzjonijiet ta' sigurtà għal operazzjonijiet tal-ajrudrom f'viżibbiltà baxxa.
- (b) Il-proċeduri ta' viżibbiltà baxxa għandhom ikunu jeħtieġu approvazzjoni mill-Awtorità Kompetenti.

ADR.OPS.B.050 Operazzjonijiet f'kundizzjonijiet tat-temp ħżiena

L-operatur tal-ajrudrom għandu jiżgura li jiġu stabbiliti u implimentati l-mezzi u l-proċeduri biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-operazzjonijiet tal-ajrudrom f'kundizzjonijiet tat-temp ħżiena.

ADR.OPS.B.055 Kwalità ta' karburant

L-operatur tal-ajrudrom għandu jivverifika li l-organizzazzjonijiet involuti fil-ħażna u t-tqassim tal-karburant lill-inġenji tal-ajru jkollhom proċeduri biex jiżguraw li l-inġenji tal-ajru jingħatalhom karburant mhux ikkontaminat u ta' speċifikazzjoni korretta.

ADR.OPS.B.065 Għajnuniet viżwali u sistemi elettriċi tal-ajrudrom

L-operatur tal-ajrudrom għandu jkollu proċeduri biex jiżgura li l-għajnuniet viżwali u s-sistemi elettriċi tal-ajrudrom jaħdmu kif maħsub.

ADR.OPS.B.070 Sigurtà tax-xogħlijiet fl-ajrudrom

- (a) L-operatur ta' ajrudrom għandu jistabbilixxi u jimplementa proċeduri biex jiżgura li:
 - (1) is-sigurtà tal-inġenju tal-ajru ma tkunx affettwata mix-xogħlijiet fl-ajrudrom;
 - (2) is-sigurtà tax-xogħlijiet fl-ajrudrom ma tkunx affettwata minn attivitajiet operattivi fl-ajrudrom.

ADR.OPS.B.075 Salvagwardja tal-ajrudromi

- (a) L-operatur tal-ajrudrom għandu jissorvelja fl-ajrudrom u fil-madwar tiegħu:
 - (1) il-limitu tal-ostakli u wċuħ ta' protezzjoni kif stabbilit skont il-bażi ta' ċertifikazzjoni, u wċuħ oħra u żoni assoċjati mal-ajrudrom, sabiex tittieħed azzjoni xierqa skont il-kompetenza tiegħu, biex jiġu mitigati r-riskji assoċjati mal-penetrazzjoni ta' dawk l-uċuħ u żoni;
 - (2) l-immarkar u l-illuminazzjoni tal-ostakli sabiex ikun jista' jieħu azzjoni skont il-kompetenza tiegħu, kif ikun xieraq;
 - (3) il-perikli relatati mal-attivitajiet tal-bniedem u l-użu tal-art sabiex tittieħed azzjoni skont il-kompetenza tiegħu, kif ikun xieraq.
- (b) L-operatur tal-ajrudrom għandu jkollu fis-seħħ proċeduri għall-mitigazzjoni tar-riskji assoċjati mal-ostakli, l-iżviluppi u attivitajiet rilevanti oħra fiż-żoni sorveljati li jistgħu jħallu impatt fuq l-operazzjonijiet siguri tal-inġenji tal-ajru li joperaw fi, lejn jew mill-ajrudrom.

ADR.OPS.B.080 Immarkar u illuminazzjoni tal-vetturi u oġġetti mobbli oħra

L-operatur tal-ajrudrom għandu jiżgura li l-vetturi u oġġetti mobbli oħra, flief l-inġenji tal-ajru, li jkunu jinsabu fuq iż-żona ta' moviment tal-ajrudrom ikunu mmarkati u jekk il-vetturi jintużaw billejl jew f'kundizzjonijiet ta' viżibbiltà baxxa, illuminati. It-tagħmir ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru u vetturi li jintużaw biss fuq rampi jistgħu jiġu eżentati.

ADR.OPS.B.090 Użu tal-ajrudrom minn inġenji tal-ajru b'ittra kodiċi oġħla

(a) Flief għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza tal-inġenji tal-ajru, operatur ta' ajrudrom, soġġett għal approvazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti, jista' jippermetti l-użu tal-ajrudrom jew partijiet minnu mill-inġenju tal-ajru b'ittra kodiċi oġħla mill-karatteristiċi ta' disinn tal-ajrudrom speċifikati fit-termini taċ-ċertifikat.

(b) Meta tintwera konformità mal-paragrafu (a), għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' ADR.OR.B.040.

SUBPARTI C – MANUTENZJONI TAL-AJRUDROM (ADR.OPS.C)

ADR.OPS.C.005 Ġenerali

L-operatur tal-ajrudrom għandu jstabbilixxi u jimplimenta programm ta' manutenzjoni, inkluż miżuri preventivi fejn ikun xieraq biex issir manutenzjoni fil-faċilitajiet tal-ajrudrom biex b'hekk ikun hemm konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness Va għar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

ADR.OPS.C.010 Bankini, uçuħ tal-art oħrajn u drenaġġ

- (a) L-operatur tal-ajrudrom għandu jispezzjona l-uçuħ taż-żoni ta' moviment kollha inkluż bankini (runways, taxiways u rampi), iż-żoni biswit u d-drenaġġ biex jivvaluta regolarment il-kundizzjoni tagħhom bħala parti minn programm ta' manutenzjoni preventiv u korrettiv.
- (b) L-operatur tal-ajrudrom għandu:
- (1) jagħmel manutenzjoni tal-uçuħ taż-żoni kollha ta' moviment bl-għan li jiġi eliminat jew evitat li jkun hemm xi oġġetti/fdalijiet li jistgħu jikkawżaw ħsara lill-inġenju tal-ajru jew ifixklu l-operat tas-sistemi tal-inġenji tal-ajru;
 - (2) jagħmel manutenzjoni ta' wiċċ ir-runways, taxiways u rampi, sabiex tiġi evitata l-formazzjoni ta' irregolaritajiet perikolużi;
 - (3) jieħu azzjoni ta' manutenzjoni korrettiva meta l-karatteristiċi tal-frizzjoni għar-runway kollha jew għal parti minnha, meta ma tkunx ikkontaminata, ikunu taħt il-livell minimu ta' frizzjoni. Il-frekwenza ta' dawn il-miżuri għandha tkun suffiċjenti biex tiġi stabbilita x-xejra tal-karatteristiċi tal-frizzjoni ta' wiċċ ir-runway.

ADR.OPS.C.015 Għajnuniet viżwali u sistemi elettriċi tal-ajrudrom

L-operatur tal-ajrudrom għandu jstabbilixxi u jiżgura l-implimentazzjoni ta' sistema ta' manutenzjoni korrettiva u preventiva ta' għajnuniet viżwali u sistemi elettriċi biex jiġu żgurati l-illuminazzjoni u l-immarkar tad-disponibbiltà, l-affidabbiltà u l-konformità tas-sistema.